DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Marzu 2013

dwar l-għajnuna mill-istat Nru SA.23420 (11/C, ex NN40/10) implimentata mill-Belġju favur SA Ducroire

(notifikata bid-dokument C(2013) 1497)

(It-testi Franċiż u Olandiż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/274/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(2), l-ewwel subparagrafu ([1]),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli msemmija hawn fuq ([2]),

Billi:

I. PROĊEDURA

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2007, [l-ilmentatur] (*) ressaq ilment lill-Kummissjoni Ewropea dwar injezzjoni ta' kapital inizjali ta' EUR 150 miljun li minnha gawdiet il-kumpanija Ducroire (minn hawn 'il quddiem "SA Ducroire") meta nħolqot f'Settembru 2004 mill-Office National du Ducroire (minn hawn 'il quddiem "l-ONDD").

(2) Permezz tal-ittra tas-7 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni għamlet xi mistoqsijiet dettaljati lill-Belġju. It-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet, li magħhom kienu mehmuża diversi dokumenti kif ukoll pjan ta' direzzjoni tan-negozju, wasslulha fit-12 ta' Frar 2008.

(3) Fid-9 ta' Settembru 2008 saret laqgħa bejn l-ilmentatur u s-servizzi tal-Kummissjoni.

(4) Il-Kummissjoni bagħtet verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment lill-Belġju fl-4 ta' Diċembru 2008.

(5) Verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tal-Belġju kif ukoll mistoqsijiet speċifiċi ġew indirizzati lill-ilmentatur fit-12 u fis-17 ta' Diċembru 2008. L-ilmentatur wieġeb għalihom permezz ta' ittra tas-6 ta' Novembru 2009.

(6) Saru mistoqsijiet ulterjuri lill-Belġju fil-21 ta' April 2010 li għalihom il-Belġju wieġbet fit-23 ta' Lulju 2010.

(7) Fit-23 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE") ([3]) fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna possibbli li ġejjin: (i) il-garanzija mill-Istat Belġjan li rċieva l-ONDD għar-riskji kummerċjabbli tiegħu; (ii) trasferiment intern wieħed jew diversi trasferimenti interni ta' riżorsi favur l-assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli u (iii) il-kapital sottoskritt mill-ONDD favur attivitajiet ta' assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli ta' SA Ducroire. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni.

([1]) Mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru rispettivament l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fiż-żewġ każijiet, id-dispożizzjonijiet, fis-sustanza, huma identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu, jekk ikun hemm bżonn, bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 rispettivament tat-Trattat KE. It-TFUE introduċa wkoll ċerti emendi fit-terminoloġija, bħal pereżempju s-sostituzzjoni ta' "Komunità" b'"Unjoni", ta' "suq komuni" b'"suq intern" u ta' "Qorti tal-Prim'Istanza" b'"Qorti Ġenerali". F'din id-deċiżjoni qiegħda tintuża t-terminoloġija tat-TFUE.

([2]) ĠU C 163, 1.6.2011, p. 1.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

([3]) ĠU C 163, 1.6.2011, p.1.

(8) Saru żewġ laqgħat bejn l-awtoritajiet Belġjani, l-ONDD, SA Ducroire u s-servizzi tal-Kummissjoni fis-17 ta' Marzu 2011 u fit-28 ta' April 2011 rispettivament.

(9) Fl-4 ta' Mejju 2011, l-awtoritajiet Belġjani talbu għal estensjoni ta' erba' ġimgħat tal-limitu ta' żmien għat-tweġiba għall-ftuħ tal-proċedura formali ta' investigazzjoni (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni ta' ftuħ"). Fil-5 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Belġjani li ma kellha l-ebda oġġezzjoni għat-talba ta' estensjoni taż-żmien u talbet aktar informazzjoni relatata mal-laqgħa tat-28 ta' April 2011.

(10) Fl-1 ta' Ġunju 2011, l-awtoritajiet Belġjani taw it-tweġiba tagħhom għall-kummenti u l-mistoqsijiet magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' ftuħ. L-annessi għat-tweġiba tagħhom intbagħtu fid-9 u fl-10 ta' Ġunju 2011.

(11) Wara din it-tweġiba, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni fis-27 ta' Lulju 2011.

(12) Sabiex iħejju t-tweġiba tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Belġjani organizzaw żewġ laqgħat tekniċi mas-servizzi tal-Kummissjoni u l-benefiċjarju tal-miżuri ta' għajnuna, rispettivament fis-26 ta' Settembru u fit-18 ta' Ottubru 2011. Informazzjoni addizzjonali dwar it-temi diskussi f'dawn il-laqgħat intbagħtet mill-Belġju fl-14 ta' Novembru 2011.

(13) Fil-5 ta' Diċembru 2011, l-awtoritajiet Belġjani bagħtu t-tweġiba tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2011.

(14) Fit-23 ta' April 2012 il-Kummissjoni talbet xi dettalji dwar l-informazzjoni differenti sottomessa, li l-awtoritajiet Belġjani pprovdew fis-16 ta' Mejju 2012.

(15) Saret laqgħa bejn l-awtoritajiet Belġjani, l-ONDD, SA Ducroire u s-servizzi tal-Kummissjoni fil-21 ta' Mejju 2012, li warajha l-awtoritajiet Belġjani bagħtu aktar spjegazzjonijiet permezz tal-ittra tal-31 ta' Mejju 2012. Bl-ittra tal-14 ta' Ġunju 2012, l-awtoritajiet Belġjani tennew il-pożizzjoni tagħhom dwar il-miżura ta' allokazzjoni tal-kapital ikkontestata mill-Kummissjoni.

II. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA**

II.1. IL-BENEFIĊJARJU U L-ATTIVITAJIET TIEGĦU

(16) L-ONDD hija "istituzzjoni pubblika awtonoma" li topera fis-suq tal-assigurazzjoni tal-kreditu u li tibbenefika minn appoġġ u mill-garanzija tal-Istat Belġjan.

(17) Sal-31 ta' Awwissu 2003, l-attivitajiet kollha mwettqa mill-ONDD kienu f'ismu stess, taħt il-garanzija tal-Istat. Ma kien hemm l-ebda kontijiet separati bejn l-attività ta' assigurazzjoni tal-kreditu ta' żmien qasir u u dik ta' żmien twil, lanqas f'dak li jirrigwarda r-riskji kummerċjabbli u dawk mhux kummerċjabbli. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat lil assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu") ([4]) tikkwalifika bħala kummerċjabbli r-riskji kummerċjali u politiċi ta' inqas minn sentejn, fuq debituri ([5]) stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jew f'ċerti pajjiżi membri tal-OECD, jiġifieri l-Awstralja, il-Kanada, l-Islanda, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika ([6]).

(18) Fl-1 ta' Settembru 2003, l-ONDD fetaħ kont "kummerċjali" li, skont l-awtoritajiet Belġjani, ma kienx igawdi mill-garanzija tal-Istat, li ġie allokat, minn dik id-data, għall-attività kollha relatata mar-riskji għal perjodu qasir. Kapital ta' EUR [45-70] miljun kien ġie allokat lil dan il-kont kummerċjali, biex b'hekk kiseb l-approvazzjoni tar-regolatur nazzjonali tal-assiguraturi, l-Office de Contrôle des Assurances (l-Awtorità Superviżorja tal-Assigurazzjonijiet — minn hawn 'il quddiem "l-OCA"). F'dan il-kont kummerċjali ma kinitx teżisti kontabilità separata bejn ir-riskji kummerċjabbli u dawk mhux kummerċjabbli.

([4]) ĠU C 281, 17.9.1997, p. 4. Mill-1 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni bdiet tapplika l-Komunikazzjoni l-ġdida lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir ippubblikata fid-19 ta' Diċembru 2012 (ĠU C 392, 19.12.2012, p. 1.).

([5]) Kemm pubbliċi kif ukoll mhux pubbliċi.

([6]) Ara l-punt 2.5 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu.

(19) F'Mejju 2004, l-ONDD iddeċieda li joħloq sussidjarja għall-attivitajiet eżistenti tiegħu ta' assigurazzjoni tal-kreditu ta' żmien qasir bil-ħolqien ta' SA Ducroire. Skont l-awtoritajiet Belġjani, id-deċiżjoni li tinħoloq SA Ducroire ittieħdet biex tiġi rrispettata l-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu li tistieden lill-Istati Membri sabiex jemendaw il-pjanijiet tagħhom għall-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni sabiex l-aġenziji ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni ma jibqgħux igawdu mill-appoġġ tal-Istat f'dak li jirrigwarda r-riskji meqjusa bħala "kummerċjabbli".

(20) Id-deċiżjoni li tinħoloq SA Ducroire u li tingħata kapital ta' EUR 150 miljun ittieħdet mill-Bord tad-Diretturi tal-11 ta' Mejju 2004 abbażi ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju mfassal mill-ONDD għall-2005-2007 li fih ġew meqjusa żewġ xenarji: xenarju A) definit bħala "realistiku", ibbażat fuq il-klima ekonomika u msejjes fuq tkabbir tal-ammonti assigurati bi 3 %; u xenarju B) definit bħala "dinamiku", ibbażat fuq approċċ proattiv f'termini ta' konkwista tas-suq imsejjes fuq ipotesi ta' tkabbir id-doppju ta' dak tax-xenarju realistiku, jiġifieri ta' 6 % ([7]).

(21) SA Ducroire ġiet stabbilita fit-23 ta' Settembru 2004, data li fiha l-ONDD issottoskriva EUR 150 miljun għall-kapital ta' din il-kumpanija, li minnhom EUR 100 miljun ġew rilaxxati minnufih filwaqt li l-EUR 50 miljun li kien fadal ġew rilaxxati fl-2009.

(22) Fl-1 ta' Jannar 2005, l-ONDD ittrasferixxa l-portafoll tiegħu ta' riskji għal żmien qasir lil SA Ducroire li tat bidu għall-attivitajiet tagħha minn dik id-data. Min-naħa tiegħu l-ONDD kompla jaħdem fuq ir-riskji għal żmien twil.

(23) Għalhekk, SA Ducroire tamministra r-riskji kummerċjabbli kollha skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu (li, b'definizzjoni, huma għal żmien qasir) kif ukoll ir-riskji mhux kummerċjabbli għal żmien qasir, bħar-riskji ta' inqas minn sentejn relatati ma' debituri stabbiliti barra l-OECD.

(24) Fl-2007, SA Ducroire akkwistat 33 % tal-kapital ta' Komerční úvěrová pojišťovna EGAP (KUP) (il-fergħa kummerċjali tal-aġenzija nazzjonali Ċeka tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni) għas-somma ta' EUR [12-14]-il miljun. Dan l-akkwist kien sar flimkien ma' SACE BT, li kienet akkwistat ukoll 33 % tal-kapital ta' KUP. Fl-2009, SA Ducroire akkwistat l-ishma kollha ta' SACE BT fil-kapital ta' KUP għas-somma ta' EUR [0-20] miljun. SA Ducroire b'ħekk akkwistat 66 % tal-kapital ta' KUP għal ammont totali ta' EUR [10-35] miljun. Minn dan l-aħħar ammont EUR 12-il miljun wara ġew irreġistrati bħala deprezzament fuq il-holding (aġġustament negattiv tal-valur tal-investiment).

II.2. L-ILMENT

(25) Fil-5 ta' Ġunju 2007, tressaq ilment lill-Kummissjoni. Skont l-ilmentatur, l-ONDD għamel l-allokazzjoni tal-kapital f'kundizzjonijiet li investitur privat ma kienx jipprovdi. Minn naħa, ir-redditu ta' SA Ducroire, kif mistennija bl-injezzjoni tal-kapital huwa inqas minn dak mistenni minn investitur privat. Min-naħa l-oħra, il-kapital allokat lil SA Ducroire kien jaqbeż il-kapital meħtieġ, kemm f'termini ta' regoli prudenzjali dwar l-ekwità minima adegwata kif ukoll fir-rigward tal-medja tal-proporzjon ta' solvenza (primjums netti/ekwità) tal-parteċipanti l-oħrajn fis-settur. Skont l-ilmentatur, kien biss permezz tal-"kapitalizzazzjoni żejda" fl-2004 li SA Ducroire u SACE BT setgħu jitfgħu, matul it-tieni nofs tal-2006, offerta konġunta "imbattibbli" għax-xiri ta' 66 % tal-ishma ta' KUP.

II.3. IR-RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA

(26) L-investigazzjoni li nbdiet fit-23 ta' Frar 2011 tirrigwarda l-miżuri li ġejjin:

(a) Il-garanzija tal-Istat Belġjan li minnha allegatament gawda l-ONDD għar-riskji kummerċjabbli tiegħu (minn hawn 'il quddiem "Miżura 1");

(b) It-trasferimenti interni possibbli (fi ħdan l-ONDD) ta' riżorsi tal-attivitajiet tiegħu ta' assigurazzjoni tar-riskji mhux kummerċjabbli lejn l-attivitajiet tiegħu ta' assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli (qabel it-trasferiment tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni tar-riskji għal żmien qasir lil SA Ducroire) (minn hawn 'il quddiem "Miżura 2");

([7]) Ara l-paġni 60 u 69 tal-Anness 8 tal-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" ippreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011.

Fil-fatt, meta l-ONDD kien iwettaq l-attivitajiet ta' assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli, fi ħdanu ma kienet teżisti l-ebda amministrazzjoni jew kontabilità separata għall-attivitajiet ta' assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli u għal dawk tar-riskji mhux kummerċjabbli (għal żmien qasir), għall-kuntrarju tar-rekwiżit tal-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu. Skont il-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu, il-korpi ta' assigurazzjoni pubbliċi jew li joperaw bl-appoġġ tal-Istat għandhom "iżommu kont separat għall-amministrazzjoni u kontijiet separati għal assigurazzjoni tagħhom tar-riskji kummerċjabbli u r-riskji mhux kummerċjabbli f'isem l-Istat jew garantiti minnu, biex juru li huma ma jirċivux għajnuna mill-Istat għall-assigurazzjoni tagħhom tar-riskji kummerċjabbli".

(c) L-allokazzjoni ta' kapital (EUR 150 miljun ta' kapital sottoskritt) mill-ONDD fl-2004 favur is-sussidjarja tiegħu, SA Ducroire (minn hawn 'il quddiem "Miżura 3").

(27) Fir-rigward tal-Miżura 3, id-deċiżjoni tal-ftuħ waslet għall-konklużjoni li l-partijiet li ġejjin tal-allokazzjoni tal-kapital lil SA Ducroire ma jikkostitwixxux għajnuna ([8]):

(a) il-parti tal-kapital inizjali ta' SA Ducroire li tista' titqies li ssostni l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli ([9]) mhijiex għajnuna. Fil-fatt, skont it-termini tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu, l-Istati Membri jistgħu jsostnu l-attività ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni fil-qasam tar-riskji mhux kummerċjabbli. Peress li din l-attività normalment ma ssirx mill-operaturi tas-suq, huwa improbabbli li l-appoġġ tal-Istati jfixkel il-kompetizzjoni u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Kummissjoni għalhekk stiednet lill-Belġju sabiex tiċċara l-parti tal-kapital ta' SA Ducroire li kienet tappoġġja l-attività tagħha marbuta mar-riskji mhux kummerċjabbli.

(b) il-parti tal-kapital ta' SA Ducroire li fi ħdan l-ONDD kienet diġà ta' benefiċċju għall-attività tal-assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli u li ġiet sempliċiment trasferita lil SA Ducroire mal-attivitajiet korrispondenti ma tikkostitwixxix għajnuna. Din hija biss bidla fil-forma ġuridika ta' attività ekonomika eżistenti minn qabel bil-kapital relatat magħha ([10]).

(28) L-għajnuna ġdida possibbli inkwistjoni (Miżura 3) tirrigwarda biss il-parti tal-kapital allokat lil SA Ducroire li ma tappoġġjax l-attività ta' assigurazzjoni tal-kreditu tar-riskji mhux kummerċjabbli u li taqbeż il-parti tal-kapital li kienet diġà ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD fil-31 ta' Diċembru 2004 (eżatt qabel it-trasferiment tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni tar-riskji fuq żmien qasir lil SA Ducroire).

(29) Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "*kapital addizzjonali*" il-parti tal-kapital allokat lil SA Ducroire li taqbeż il-parti tal-kapital li kienet diġà ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli fuq żmien qasir (inklużi r-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli) fi ħdan l-ONDD fil-31 ta' Diċembru 2004 (eżatt qabel it-trasferiment tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni tar-riskji fuq żmien qasir lil SA Ducroire);

(b) "*kapital supplimentari*" il-parti tal-kapital addizzjonali, li għadu kemm ġie definit, li hija ta' benefiċċju għall-attività ta' assigurazzjoni tal-kreditu tar-riskji kummerċjabbli (jiġifieri l-kapital allokat lil SA Ducroire li huwa ta' benefiċċju għall-attività ta' assigurazzjoni tal-kreditu tar-riskji kummerċjabbli u li taqbeż il-parti tal-kapital li kienet diġà ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD fil-31 ta' Diċembru 2004).

(30) Il-kapital addizzjonali jinkludi għalhekk b'mod partikolari l-kapital supplimentari (ara l-grafika fil-premessa (141)).

(31) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni assumiet l-eżistenza ta' kapital addizzjonali u supplimentari sostanzjali minħabba d-disparità bejn il-kapital ta' EUR 150 miljun mogħti lil SA Ducroire meta nħolqot u l-kapital ta' EUR [45-70] miljun allokati fi ħdan l-ONDD fil-kont kummerċjali ddedikat, mill-1 ta' Settembru 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004, għall-attività relatata mar-riskji fuq żmien qasir, li kienet tinkludi r-riskji kummerċjabbli. Il-Kummissjoni għalhekk indikat li kien jidher li jeżisti kapital addizzjonali u supplimentari u li r-redditu mistenni tiegħu ma kienx jidher suffiċjenti.

([8]) Ara t-Taqsima 4.1.2.2.1 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

([9]) Dan il-kapital eskluż, relatat mar-riskji mhux kummerċjabbli, jinkludi l-kapital ta' SA Ducroire li, meta sar it-trasferiment tal-attivitajiet tal-assigurazzjoni tar-riskji għal żmien qasir lil SA Ducroire, kien ta' benefiċċju għall-attività tar-riskji relatati mad-debituri stabbiliti fir-Rumanija u fil-Bulgarija peress li dawn ir-riskji dak iż-żmien ma kinux kummerċjabbli, minħabba li dawn il-pajjiżi ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri wara t-trasferiment tal-attivitajiet lil SA Ducroire.

([10]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2005 fil-każ N 531/2005 "Miżuri marbuta mal-ħolqien u l-funzjonament ta' la Banque Postale" (traduzzjoni mhux uffiċjali), premessa 54 (ĠU C 21, 28 ta' Jannar 2006, p. 2) disponibbi fuq is-sit: http://ec.europa.eu/eu_law/state_aids/comp-2005/n531-05.pdf.

(32) In-nuqqas tal-ONDD u ta' SA Ducroire li jikkonformaw mal-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu (ara l-premessi (17) u (19)), jiġifieri li jkollhom amministrazzjoni u kontabilità separata li tiddistingwi bejn ir-riskji kummerċjabli u r-riskji mhux kummerċjabbli, għamilha impossibbli għall-Kummissjoni li tidentifika bi preċiżjoni l-kobor tal-"kapital supplimentari" fl-istadju tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Għalhekk fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il- Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jikkonformaw mal-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu u jindikaw il-partijiet tal-kapital li kienu jsostnu rispettivament l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli fuq żmien qasir u l-attività tar-riskji kummerċjabbli, qabel u wara t-trasferiment tagħhom lil SA Ducroire.

III. **KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

(33) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mill-partijiet interessati, fl-iskadenzi stabbiliti, dwar il-ftuħ tal-proċedura.

IV. **IL-KUMMENTI TAL-BELĠJU**

***Rigward il-Miżuri 1 u 2**: Garanzija tal-Istat favur ir-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD u t-trasferimenti interni tar-riżorsi favur ir-riskji kummerċjabbli tal-ONDD*

(34) Il-Belġju ddikjara li l-ONDD dejjem iffoka fuq ir-riskji mhux kummerċjabbli u l-prevalenza ta' dawn ir-riskji fil-portafoll tiegħu kienet kostanti. Wara l-1993 ([11]) u qabel l-adeżjoni tal-għaxar Stati Membri ġodda tal-Unjoni Ewropea (UE) f'Mejju 2004, l-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD kienet żgħira ħafna. Fl-aħħar tal-2003, il-primjums relatati ma' din l-attività kienu jammontaw biss għal madwar [0-1 %] tal-portafoll tar-riskju fuq żmien qasir u l-ammonti assigurati kienu jammontaw biss għal madwar EUR […] miljun (ara t-Tabella 1 hawn taħt). Għandu jkun innutat li l-perċentwal baxx ħafna ta' riskji kummerċjabbli li dak iż-żmien kien kopert, kien kopert biss minħabba r-rabta ta' dawn ir-riskji ma' riskju mhux kummerċjabbli ([12]).

(35) Kien biss mill-1 ta' Mejju 2004, fi żmien l-adeżjoni tal-għaxar Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea, li l-bilanċ bejn ir-riskji kummerċjabbli u r-riskji mhux kummerċjabbli fuq żmien qasir inbidel fi ħdan il-portafoll tal-ONDD peress li s-sehem tar-riskji kummerċjabbli fil-portafoll tal-ONDD għadda minn [0-1 %] (f'termini ta' primjums) fl-2003 għal [15-20 %] fl-2004 (ara t-Tabella 1 hawn taħt). Din il-bidla kienet ir-riżultat ta' ċaqliq awtomatiku tal-kategorija mhux kummerċjabbli lejn il-kategorija kummerċjbbli tar-riskji fuq żmien qasir marbuta mad-debituri stabbiliti fl-għaxar Stati Membri ġodda tal-Unjoni Ewropea.

(36) F'dak li jirrigwarda l-Miżura 1, l-awtoritajiet Belġjani żiedu wkoll li l-garanzija tal-Istat Belġjan ġiet diżattivata mill-1 ta' Settembru 2003 fir-rigward tar-riskji kummerċjabbli minħabba t-trasferimenti tagħhom fil-kont kummerċjali li għalih l-ONDD kiseb l-approvazzjoni tal-OCA ([13]), preċiżament minħabba li dan il-kont ma kienx igawdi mill-garanzija tal-Istat (l-attivitajiet li jgawdu mill-garanzija tal-Istat mhumiex irregolati mill-OCA).

(37) F'dak li jirrigwarda t-trasferimenti interni possibbli tar-riżorsi favur ir-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD, l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li minħabba ċ-ċokon tal-attività tar-riskji kummerċjabbli, kwalunkwe trasferiment ta' riżorsi kien inkonċepibbli u fi kwalunkwe każ ikun *de minimis* ([14]).

(38) L-awtoritajiet Belġjani jikkonkludu li għall-Miżura 1 u għall-Miżura 2, l-ammonti involuti huma fi kwalunkwe każ *de minimis* ([15]).

([11]) Skont l-awtoritajiet Belġjani, l-ONDD kopra r-riskji fuq debituri fiż-Żona 1 sal-1993 ([…], ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 24) u waqaf joffri din il-kopertura minn dakinhar. Anki qabel l-1993, l-ONDD qatt ma kellu portafoll kbir ta' riskji kummerċjabbli.

([12]) Ara l-eżempju mogħti fil-paġni 13-14 tal-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" ippreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011.

([13]) Il-Kummissjoni Bankarja, Finanzjarja u tal-Assigurazzjoni (CBFA) inħolqot mill-integrazzjoni tal-Uffiċċju tas-sorveljanza tal-assigurazzjonijiet (OCA) fi ħdan il-Kummissjoni Bankarja u Finanzjarja (CBF) fl-1 ta' Jannar 2004.

([14]) Kjarifika tal-Kummissjoni: l-awtoritajiet Belġjani jirreferu għar-regola *de minimis*. L-Artikolu 108(3) tat-TFUE isemmi l-obbligu tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern skont il-kriterji tal-Artikolu 107 (1) tat-TFUE. Ir-regola *de minimis* tindika li hija eżenti minn dan l-obbligu l-għajnuna mogħtija fuq perjodu ta' tliet snin u li ma taqbiżx ċertu limitu. Fil-mument tal-applikazzjoni tal-Miżura 1 u tal-Miżura 2, il-limitu fis-seħħ kien iffissat għal EUR 100 000 mir-Regolament (KE) Nru 69/2001 tal-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2001 dwar it-tħaddim tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna *de minimis* (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30).

([15]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 14.

Tabella 1:

L-evoluzzjoni tal-primjums u tal-ammonti assigurati għar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli għal perjodu qasir (poloz globali esportaturi — għal mien qasir)

(F'eluf ta' EUR) [1]

	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
riskji kummerċjabbli	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**
li minnhom kummerċjabbli mill-2004 (10 membri ġodda)					*[…]*	*[…]*	*[…]*
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)							
riskji mhux kummerċjabbli	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**
li minnhom kummerċjabbli mill-2004 (10 membri ġodda)	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*			
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*
Ammont assigurat	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**
riskji kummerċjabbli	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**
li minnhom kummerċjabbli mill-2004 (10 membri ġodda)					*[…]*	*[…]*	*[…]*
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)							
riskji mhux kummerċjabbli	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**
li minnhom kummerċjabbli mill-2004 (10 membri ġodda)	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*			
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*	*[…]*
Primjum	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**	**[…]**
(F'%)							
	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
riskji kummerċjabbli	**[0-1 %]**	**[0-1 %]**	**[0-1 %]**	**[0-1 %]**	**[20-25 %]**	**[20-25 %]**	**[25-30 %]**
li minnhom kummerċjabbli mill-2004 (10 membri ġodda)					*[20-25 %]*	*[15-20 %]*	*[15-20 %]*
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)							
riskji mhux kummerċjabbli	**[99-100 %]**	**[99-100 %]**	**[99-100 %]**	**[99-100 %]**	**[75-80 %]**	**[75-80 %]**	**[70-75 %]**
li minnhom kummerċajbbli mill-2004 (10 membri ġodda)	*[20-25 %]*	*[15-20 %]*	*[20-25 %]*	*[20-25 %]*			
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*
Ammont assigurat	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**

(F'eluf ta' EUR) [1]

	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
riskji kummerċjabbli	**[0-1 %]**	**[0-1 %]**	**[0-1 %]**	**[0-1 %]**	**[15-20 %]**	**[15-20 %]**	**[15-20 %]**
li minnhom kummerċjabbli mill-2004 (10 membri ġodda)					*[15-20 %]*	*[10-15 %]*	*[10-15 %]*
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)							
riskji mhux kummerċjabbli	**[99-100 %]**	**[99-100 %]**	**[99-100 %]**	**[99-100 %]**	**[80-85 %]**	**[80-85 %]**	**[80-85 %]**
li minnhom kummerċjabbli mill-2004 (10 membri ġodda)	*[15-20 %]*	*[15-20 %]*	*[20-25 %]*	*[15-20 %]*			
li minnhom kummerċjabbli mill-2007 (2 membri ġodda)	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[0-5 %]*	*[5-10 %]*
Primjum	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**	**100,00 %**

[1] Ara l-paġna 7 tad-dokument "Tweġiba tal-Belġju għall-ittra tal-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2007 ippreżentat mill-awtoritajiet Belġjani fit-12 ta' Frar 2008" (L-awtoritajiet Belġjani jirreferu għalih fil-paġna 14 tas-sottomissjoni tagħhom tal-1 ta' Ġunju 2011).

Rigward il-Miżura 3: *Kapital allokat mill-ONDD lil SA Ducroire*

(39) Sabiex jiġġustifikaw li l-kapital allokat mill-ONDD lil SA Ducroire kien meħtieġ u kien jissodisfa l-kriterju tal-investitur privat, l-awtoritajiet Belġjani ressqu l-argumenti li ġejjin: (1) it-tranżazzjoni għandha tkun analizzata fil-kuntest tagħha, dak ta' trasferiment ta' attività eżistenti fil-forma ta' ħolqien ta' sussidjarja, (2) il-kontribuzzjoni f'kapital hija ġġustifikata abbażi tar-regoli ta' solvenza, (3) ir-redditu mistenni tal-attivitajiet kummerċjabbli ta' SA Ducroire kien biżżejjed biex jikkonvinċi lil investitur privat fl-ekonomija tas-suq jagħmel dan l-investiment.

1. *It-tranżazzjoni tikkonsisti fi trasferiment ta' attività eżistenti* ([16])

(40) L-awtoritajiet Belġjani jqisu li l-kontribuzzjoni f'kapital għandha tiġi evalwata fil-kuntest tagħha li huwa dak ta' trasferiment ta' attività eżistenti. L-attività kollha mqiegħda f'SA Ducroire meta nħolqot kienet tikkorrispondi purament għal trasferiment tal-portafoll tal-attivitajiet fuq perjodu qasir tal-ONDD.

(41) Għal dan il-għan, l-awtoritajiet Belġjani jiddikjaraw li l-entrati kollha tal-karta tal-bilanċ tal-kont kummerċjali **relatati mal-attività kummerċjali** ġew trasferiti fil-karta tal-bilanċ tal-ftuħ ta' SA Ducroire. Fuq in-naħa tal-assi, ir-riċevibbli direttament marbuta mal-poloz tal-assigurazzjoni diġà fil-portafoll biss ġew trasferiti (l-investimenti ma ġewx trasferiti). Fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, l-entrati trasferiti jirrigwardaw biss dawk marbuta mal-portafoll tal-assigurazzjoni eżistenti u jeskludu għalhekk il-kapital, ir-riżervi u l-provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni u d-diżastri ([17]). L-awtoritajiet Belġjani jenfasizzaw li l-EUR [45-70] miljun allokati fil-kont kummerċjali mhumiex trasferiti lil SA Ducroire peress li l-identifikazzjoni tal-ammont tal-kapital kienet soġġetta għal evalwazzjoni speċifika.

(42) L-awtoritajiet Belġjani jsostnu li l-kapital allokat għall-kont kummerċjali mhuwiex paragun rilevanti biex wieħed jivvaluta l-ħtiġijiet ta' kapital ta' SA Ducroire. Il-ħtieġa ta' kapital tal-kont kummerċjali kienet stmata permezz tal-applikazzjoni mekkanika tar-regoli tad-Direttiva 2002/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2002 li temenda d-Direttiva 73/239/KEE tal-Kunsill fir-rigward tal-ħtiġiet tal-marġini ta' solvenza għal intrapriżi ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja ([18]) (minn hawn 'il quddiem "Direttiva Solvenza I") li jikkorrispondu għar-regoli prudenzjali biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-OCA għall-attività fuq żmien qasir peress li din ma baqgħetx tgawdi mill-garanzija tal-Istat, iżda dan il-kapital mhuwiex il-kapital ekonomiku meħtieġ biex ikopri l-profil tar-riskju ta' din l-attività.

(43) Skont l-awtoritajiet Belġjani, hemm differenza bejn l-imġiba ta' investitur privat li jfittex ir-redditu ta' investiment ġdid u impriża ewlenija li toħloq sussidjarja għall-attivitajiet eżistenti tagħha. Li jiġi ġġudikat mod ieħor jista' skont l-awtoritajiet Belġjani jġiegħel lil kumpanija pubblika tbigħ jew twaqqaf attività ekonomika jekk din ma jkollhiex redditu biżżejjed għal investitur privat f'ekonomija tas-suq, li jkun ksur tal-prinċipju tan-newtralità tal-kapital pubbliku stabbilit fl-Artikolu 345 tat-TFUE.

2. *Il-metodi wżati sabiex jiġġustifikaw l-ammont tal-kapital ta' SA Ducroire*

(44) L-awtoritajiet Belġjani jsostnu li fl-2004, żewġ metodi setgħu jiġu kkunsidrati sabiex jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet ta' kapital tal-assiguraturi tal-kreditu: (a) il-metodu klassiku tas-settur tal-assigurazzjoni inġenerali, stabbilit mid-Direttiva Solvenza I u li huwa bbażat fuq ir-remunerazzjoni tar-riskji (jiġifieri l-primjums — "premium based approach") u (b) il-metodu bbażat fuq ir-riskji involuti ("exposure based approach"), bħal pereżempju l-metodu tar-regoli ta' Basel applikati fis-settur bankarju u l-metodu Standard & Poor's għad-determinazzjoni tal-kapital meħtieġ għal assiguratur tal-kreditu.

([16]) Ara l-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" ippreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011, p. 22-24.

([17]) Id-dettalji tal-entrati trasferiti ġew ippreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-14 ta' Frar 2007 fil-paġna 3 tan-nota tal-awtoritajiet Belġjani bi tweġiba għall-ittra tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2007 fil-Każ CP 8/2007 (SA.22302) u huma inklużi fil-punt 70 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

([18]) ĠU L 77, 20 ta' Marzu 2002, p. 17 sa 22.

Regoli prudenzjali fis-seħħ: Solvenza I

(45) Fil-każ ta' SA Ducroire, l-awtoritajiet Belġjani jqisu li l-metodu previst mid-Direttiva Solvenza I ma jirriflettix biżżejjed il-profil finanzjarju globali ta' assiguratur.

(46) Skont id-Direttiva Solvenza I, il-ħtieġa tal-marġini ta' likwidità hija ugwali għall-ogħla ammont bejn żewġ riżultati, wieħed ibbażat fuq l-ammont annwali tal-primjums jew kontribuzzjonijiet, u l-ieħor fuq il-piż medju tal-pretensjonijiet għall-aħħar tliet snin finanzjarji. Madankollu, il-limitu minimu assolut huwa ta' EUR 3 miljun għas-snin 2004 sal-2006 u ta' EUR 3,2 miljun għas-snin 2007 sal-2009.

(47) L-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli mill-ONDD twassal għal livell ta' kapital minimu għal SA Ducroire ta' madwar EUR **3 sa 3,3 miljun** ([19]), bejn l-2005 u l-2007, fuq il-bażi tal-informazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju (ara t-Tabella 2: hawn taħt).

(48) Il-Belġju ssostni li l-ħtiġijiet ta' kapital tal-assiguraturi tal-kreditu jiddependu aktar fuq ir-riskji involuti milli fuq ir-remunerazzjoni tar-riskji (il-primjums) u li l-metodoloġiji bbażati fuq ir-riskji involuti ("exposure based approach") (bħal pereżempju l-Artikolu 8 tal-Liġi tal-1939 dwar l-ONDD, il-metodu Standard & Poor's, jew il-metodu tar-regoli ta' Basel użati fis-settur bankarju) huma aktar adattati mid-Direttiva Solvenza I, ibbażata fuq ir-remunerazzjoni tar-riskji ("premium based approach").

(49) Skont l-awtoritajiet Belġjani, il-portafoll tar-riskji assigurati minn SA Ducroire mhux tas-soltu peress li, għall-kuntrarju tal-parti l-kbira tal-kompetituri tagħha, hija tkopri l-aktar riskji mhux kummerċjabbli fis-sens tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu. Il-livell ta' riskju assoċjat ma' portafoll bħal dan huwa sostanzjalment ogħla minn dak ta' portafoll esklussivament jew parzjalment magħmul minn riskji kummerċjabbli u jiġġustifika skont il-Belġju l-użu ta' regoli aktar prudenti.

"Exposure based approach": (i) Applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Liġi tal-1939 dwar l-ONDD għal SA Ducroire

(50) L-awtoritajiet Belġjani jqisu l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Liġi tal-31 ta' Awwissu 1939 dwar l-ONDD ([20]) (minn hawn 'il quddiem il-"Liġi tal-1939") xierqa f'dan il-każ minħabba li hija ispirata mill-"exposure based approach". Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Artikolu 8 tal-Liġi tal-1939 ma għandu l-ebda ambitu regolatorju għal SA Ducroire minħabba li japplika biss għall-ONDD.

(51) Barra minn hekk, għalkemm l-Artikolu 8 jindika l-ammont massimu tal-impenji tal-ONDD li jirriżultaw mill-attivitajiet tiegħu f'ismu stess bil-garanzija tal-Istat kif ukoll minn dawk f'isem l-Istat, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-Artikolu 8 tal-Liġi tal-1939 jikkostitwixxi punt ta' referenza minimu għal SA Ducroire, li ma tgawdix minn garanzija tal-Istat.

(52) Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-**Liġi tal-1939** ([21]), li jindika li l-impenji ma jistgħux jaqbżu 20 darba l-ammont totali tal-allokazzjoni u tar-riżerva ġenerali, l-awtoritajiet Belġjani jistmaw ([22]) il-ħtieġa ta' kapital ta' SA Ducroire għal madwar EUR **92 sa 106** miljun bejn l-2005 u l-2007 abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, (ara t-Tabella 2: hawn taħt).

"Exposure based approach": (ii) mudell żviluppat minn Standard & Poor's

(53) Fil-kummenti tagħhom, l-awtoritajiet Belġjani jirreferu għall-metodu żviluppat minn Standard & Poor's sabiex jiddeterminaw il-kapital meħtieġ minn assiguratur tal-kreditu.

([19]) Ara t-"Tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2011" ippreżentata mill-awtoritajiet Belġjani fil-5 ta' Diċembru 2011, paġni 9 sa 11 (il-kalkoli dettaljati ġew ippreżentati fl-14 ta' Novembru 2011).
([20]) M.B. (Moniteur Belge), 4 ta' Ottubru 1939.
([21]) Dwar l-attivitajiet tal-ONDD imwettqa f'ismu bil-garanzija tal-Istat.
([22]) Ara t-"Tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2011.", ippreżentata mill-awtoritajiet Belġjani fil-5 ta' Diċembru 2011, paġna 16.

(54) Biex jiġi stabbilit il-livell ta' dan il-kapital ([23]), Standard & Poor's jużaw mudell ibbażat fuq ir-riskji involuti ("exposure based approach") flimkien ma' valutazzjoni tar-riassigurazzjoni tal-assiguratur. Il-kapital meħtieġ huwa ddeterminat skont metodoloġija li tqabbel il-pretensjonijiet grossi mal-ammonti assigurati grossi ("the gross loss over gross exposure method") fuq perjodu ta' (normalment) 10 snin. L-ogħla proporzjon matul dan il-perjodu huwa mmultiplikat b'fattur ta' 1,25 u applikat għall-ammonti assigurati proġettati u aġġustati sabiex jirriflettu r-riassigurazzjoni. Il-mudell huwa bbażat fuq l-ipoteżi li l-portafoll tal-assiguratur huwa raġonevolment diversifikat tajjeb ġeografikament u skont il-linja tan-negozju ("line of business").

(55) Għalkemm jirreferu għalih, l-awtoritajiet Belġjani ma użawx il-metodu ta' Standard & Poor's sabiex jiddeterminaw il-livell tal-kapital meħtieġ għal SA Ducroire.

"Exposure based approach": (iii) Applikazzjoni tar-regoli ta' Basel I għall-assiguratur tal-kreditu (il-proporzjon ta' Cooke)

(56) Skont l-awtoritajiet Belġjani, ir-regoli ta' Basel huma aktar adattati sabiex wieħed jivvaluta s-solvenza tal-assiguraturi tal-kreditu milli r-regoli prudenzjali fis-seħħ, jiġifieri d-Direttiva LikwidtàI. In-natura tal-attivitajiet tal-assiguraturi tal-kreditu u l-prinċipju ta' prekawzjoni jiġġustifikaw l-użu tar-regoli ta' Basel. Skont l-awtoritajiet, l-assigurazzjoni tal-kreditu tixbaħ lill-attività ta' kreditu tal-banek fil-livell tar-riskju tal-kontroparti (l-aktar ir-riskju ta' nuqqas ta' ħlas mid-debitur). Barra minn hekk, l-attività ta' SA Ducroire, għall-kuntrarju ta' dik ta' assiguraturi ta' kreditu oħrajn privati, tinkludi essenzjalment riskji ta' kreditu fuq debituri li jinsabu f'pajjiżi inqas żviluppati jew pajjiżi emerġenti (riskji li jinsabu fiż-Żona 2 ([24])).

(57) Għalhekk, skont l-awtoritajiet Belġjani, il-proporzjon ta' Cooke tar-regoli prudenzjali ta' Basel I li jeħtieġ kapitalizzazzjoni minima ugwali għal 8 % tal-impenji netti, huwa aktar xieraq biex wieħed jevalwa s-solvenza tal-assiguraturi tal-kreditu.

(58) Jidher mill-minuti tal-Bord tad-Diretturi tal-ONDD tal-20 ta' April 2004 li dan tal-aħħar ibbaża fuq il-proporzjon ta' Cooke sabiex jiddetermina l-kapital meħtieġ għal SA Ducroire waqt li fl-istess ħin ikkunsidra l-ħtieġa li jipprovdi lill-kumpanija b'responsabbiltà limitata kredibbiltà suffiċjenti fil-konfront tal-kompetituri tagħha.

(59) Fil-fatt, il-proporzjon magħżul mill-awtoritajiet Belġjani fil-kalkoli mhuwiex ta' 8 % kif preskritt mir-regoli ta' Basel I iżda ta' 10 % sabiex jipprovdu bafer ta' sigurtà.

(60) Il-kapital iddeterminat b'dan il-mod mill-ONDD għal SA Ducroire u kif indikat ([25]) fil-pjanijiet finanzjarji sottomessi lir-regolatur u fin-nota ta' informazzjoni tal-20 ta' April 2004 li fuq il-bażi tagħha l-Bord tad-Diretturi ta l-kunsens tiegħu fil-prinċipju għall-ħolqien ta' SA Ducroire b'kapital sottoskritt ta' EUR 150 miljun, kien ta' madwar EUR **68 sa 74 miljun** għal tmiem l-2006, (ara t-Tabella 2: hawn taħt). Is-suppożizzjonijiet magħmula kienu jinkludu biss il-kopertura tar-riskji li jinsabu fiż-Żona 2 u fl-għaxar pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea f'Mejju 2004.

(61) Għall-kuntrarju, fin-nota tal-istrateġija tat-28 ta' Settembru 2004 ([26]), il-kapital stmat mill-ONDD skont il-proporzjon ta' Cooke (10 % tal-impenji netti), bejn l-2005 u l-2007, kien ta' madwar EUR **74 sa 101 miljun**. Għall-kuntrarju tal-projezzjonijiet finanzjarji tan-nota ta' April 2004, il-projezzjonijiet finanzjarji ta' Settembru 2004 kienu jinkludu l-kopertura tar-riskji kollha fuq żmien qasir, biex b'hekk kienu jinkorporaw iż-Żoni 1 u 2 kollha. F'din in-nota ġie konkluż li *"kapital imħallas ta' EUR 100 miljun huwa biżżejjed biex titwettaq l-attività fuq żmien qasir ta' poloz globali għall-esportaturi sal-2007 iżda wara dan il-perjodu jkollu jiġi rivedut"*.

([23]) Ara l-Anness B14 tat-"Tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2011" ippreżentata mill-awtoritajiet Belġjani fil-5 ta' Diċembru 2011.

([24]) Ara d-dokument ippreżentat mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011 "Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011", p. 10: "Skont il-kategoriji wżati mill-ONDD, […]".

([25]) Ara l-Anness 8 (paġna 70) u l-Anness 13 tal-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" ippreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011.

([26]) Ara l-paġna 28 tan-nota tal-istrateġija tat-28 ta' Settembru 2004 intitolata "Linji gwida strateġiċi għall-ONDD u l-kumpanija b'responsabbiltà limitata tiegħu" ippreżentata lill-Bord tad-Direttturi tal-ONDD u inkluża fl-Anness 10 tal-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" ippreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011.

(62) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-applikazzjoni tal-proporzjon ta' Cooke mhijiex metodu xieraq biex wieħed jaqsam il-ħtiġijiet ta' kapital bejn l-attività kummerċjabbli u l-attività mhux kummerċjabbli, peress li l-metodu tal-proporzjon ta' Cooke, li jiġi applikat għall-ammonti tal-impenji, joħloq ċerta linearità peress li ma jikkunsidrax biżżejjed il-varjetà tad-diversi riskji sottostanti.

Applikazzjoni tal-metodoloġija tad-Direttiva Solvenza II b'mudell intern għar-riskji politiċi

(63) Ir-regoli tas-Solvenza II ġejjin mid-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ([27]) (minn hawn 'il quddiem "Direttiva Solvenza II").

(64) Biex titħaddem id-diviżjoni tal-ħtiġijiet ta' kapital bejn l-attivitajiet kummerċjabbli minn naħa u dawk mhux kummerċjabbli min-naħa l-oħra, l-ONDD żviluppa fl-2011 **metodoloġija** li huwa jqis aktar xierqa. Din hija l-formula standard ta' Solvenza II ([28]), żviluppata bħala parti mill-Quantitative Impact Study 5 (QIS 5), akkumpanjata minn mudell intern tal-ħtieġa ta' kapital li jkopri r-riskju politiku u kkalibrat sabiex jissodisfa solvenza ugwali għal rating A u applikata bil-parametri korrispondenti għall-2004.

(65) Skont l-awtoritajiet Belġjani, wieħed jista' raġonevolment iqis li investitur privat prudenti kien jibbaża ruħu fuq din il-metodoloġija fl-2004.

(66) Il-formula standard ta' Solvenza II QIS 5 ġiet applikata mill-ONDD għar-riskji kollha minbarra r-riskji politiċi. Skont l-awtoritajiet Belġjani, ir-riskju politiku fl-assigurazzjoni tal-kreditu jixbaħ lil forma ta' riskju ta' katastrofi. Madankollu, skont l-awtoritajiet Belġjani, ir-riskju ta' katastrofi għall-assigurazzjoni tal-kreditu mhijiex koperta tajjeb bil-formula standard ta' Solvenza II QIS 5. Għaldaqstant, fil-fehma tagħhom, huwa ġġustifikat li wieħed juża mudell intern għall-istima tal-ħtieġa ta' kapital tar-riskji politiċi.

(67) Skont dan il-metodu, il-ħtieġa ta' kapital ta' SA Ducroire hija stmata ([29]) għal madwar EUR **80 sa 99 miljun**, bejn l-2005 u l-2007, u għal madwar EUR [125-150] miljun fl-2009 abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju (ara t-Tabella 2: hawn taħt). Il-parti l-kbira ta' din il-ħtieġa ta' kapital ġejja mill-kopertura tar-riskju politiku.

(68) Wara talba mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Belġjani stmaw il-ħtieġa ta' kapital ta' SA Ducroire bl-applikazzjoni tal-formula standard ta' Solvenza II QIS 5 għal kull tip ta' riskju (inkluż ir-riskju politiku). F'dan il-każ, il-ħtieġa ta' kapital ta' SA Ducroire hija ([30]) **inqas minn EUR 23 sa 25 miljun** bejn l-2005 u l-2007 u inqas minn EUR [25-50] miljun għall-2009 (ara t-Tabella 2: hawn taħt).

([27]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1. Id-Direttiva Solvenza II daħlet fis-seħħ fis-6 ta' Jannar 2010.

([28]) Solvenza II hija riforma regolatorja Ewropea tal-industrija tal-assigurazzjoni. F'konformità mal-Basel II, l-għan tagħha hija li tadatta aktar l-ekwità meħtieġa mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni u ta' riassiggurazzjoni bir-riskji li dawn iġarrbu fl-attività tagħhom. Wara Solvenza I li kienet tipprovdi marġini ta' solvenza iddeterminata mill-perċentwali fuq il-primjums u l-pretensjonijiet, ir-regolazzjoni tal-assigurazzjonijiet għaddiet għal regoli aktar komplessi li jinkludu r-riskju, kemm bl-applikazzjoni ta' formula standard, kif ukoll permezz tal-konsiderazzjoni ta' mudell intern. L-approċċ tal-formula standard bħalissa qiegħed jiġi definit u kkalibrat permezz tal-Quantitative Impact Studies (minn hawn 'il quddiem "QIS"). Dawn huma l-konsultazzjonijiet li jippermettu lill-Kumitat tas-Sorveljanti tal-Assigurazzjonijiet u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej — ("the Committee of European Insurance and Occupational Pensions Supervisors" jew "CEIOPS") li jittestja l-formuli u l-kalibrazzjonijiet proposti. Għall-kumpaniji li jixtiequ jagħżlu mudell intern, tkun meħtieġa validazzjoni mill-awtorità superviżorja minn qabel ma jiġi attwalment iddeterminat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza –("Solvency Capital Requirement" jew "SCR") minn dan il-mudell intern.

([29]) Ara t-"Tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2011", ippreżentata mill-awtoritajiet Belġjani fil-5 ta' Diċembru 2011, paġna 22.

([30]) Ara t-"Tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2011" sottomessa mill-awtoritajiet Belġjani fil-5 ta' Diċembru 2011, paġna 32.

Tabella 2:

Determinazzjoni tal-kapital ta' SA Ducroire mill-ONDD/l-awtoritajiet Belġjani għas-snin 2005, 2007 u 2009 skont żewġ xenarji ta' tkabbir u skont metodi differenti

(f'miljuni ta' EUR)

	Metodoloġija	Xenarju [1]	Perjodu kkunsidrat	Ħtieġa ta' kapital għar-riskji kummerċjabbli	Ħtieġa ta' kapital għar-riskji mhux kummerċjabbli	Total
Ibbażat fuq il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju	Solvenza I skont il-kummenti ta' Diċembru 2011	A (3 %)	L-aħħar tal-2005	3,0	3,0	3 [2]
			L-aħħar tal- 2007	3,2	3,2	3,2 [2]
		B (6 %)	L-aħħar tal-2005	3,0	3,0	3,0 [2]
			L-aħħar tal-2007	3,2	3,2	3,3 [2]
	Artikolu 8 tal-Liġi tal-1939 skont il-kummenti ta' Diċembru 2011	A (3 %)	L-aħħar tal-2005			92
			L-aħħar tal-2007			97
			L-aħħar tal-2009			[100-125]
		B (6 %)	L-aħħar tal-2005			95
			L-aħħar tal-2007			106
			L-aħħar tal-2009			[100-125]
	Proporzjon ta' Cooke/Basel I (10 % tal-impenji netti) skont il-minuti tal-BD tal-20.04.2004 u kif ippreżentati lir-regolatur	A (3 %)	L-aħħar tal-2006			68,2
		B (6 %)	L-aħħar tal-2006			74,3
	Proporzjon ta' Cooke/Basel II (b'10 % tal-impenji netti) skont in-nota ta'strateġija tat-28.09.2004	A (3 %)	L-aħħar tal- 2005			73,5
			L-aħħar tal- 2007			92,2
		B (6 %)	L-aħħar tal-2005			77,4
			L-aħħar tal-2007			100,7
	Proporzjon ta' Cooke/Basel I (b'10 % tal-impenji netti) skont il-kummenti ta' Diċembru 2011	A (3 %)	L-aħħar tal-2009			[100-125]
		B (6 %)	L-aħħar tal-2009			[125-150]
	Solvenza II, metodu "standard" (tal-2011) skont il-kummenti ta' Diċembru 2011, Anness B10	A (3 %)	L-aħħar tal-2005	7,0	48,0	55,0
			L-aħħar tal-2007	9,0	56,0	65,0
			L-aħħar tal-2009	[10-20]	[65-80]	[75-100]
		B (6 %)	L-aħħar tal-2005	8,0	51,0	59,0
			L-aħħar tal-2007	10,0	64,0	74,0
			L-aħħar tal-2009	[5-15]	[70-85]	[75-100]
	Solvenza II bil-mudell intern għar-riskji politiċi skont il-kummenti ta' Diċembru 2011	A (3 %)	L-aħħar tal- 2005	7,0	73,0	80,0
			L-aħħar tal-2007	9,0	81,0	90,0
			L-aħħar tal-2009	[5-15]	[110-135]	[125-150]
		B (6 %)	L-aħħar tal-2005	8,0	74,0	82,0
			L-aħħar tal-2007	10,0	89,0	99,0
			L-aħħar tal-2009	[5-15]	[120-135]	[125-150]
	Kapital (QIS 5 + mudell intern) aġġustat (ara l-premessa (76)) inkluż il-qligħ akkumulat [3]	A (3 %)	L-aħħar tal-2005	9,8	90,2	100,0
			L-aħħar tal-2007	10,8	91,7	102,5
			L-aħħar tal-2009	[5-15]	[130-145]	[135-160]
		B (6 %)	L-aħħar tal-2005	9,8	90,2	100
			L-aħħar tal-2007	11	92,3	103,3
			L-aħħar tal-2009	[10-20]	[140-155]	[150-175]

(f'miljuni ta' EUR)

	Metodoloġija	Xenarju ([1])	Perjodu kkunsidrat	Ħtieġa ta' kapital għar-riskji kummerċjabbli	Ħtieġa ta' kapital għar-riskji mhux kummerċjabbli	Total
Ibbażatfuqil-figurimiksuba	Kapital imħallas allokat skont il-kummenti tal-31 ta' Mejju 2012		L-aħħar tal-2011	[40-80]	[70-110]	150,0

([1]) Fil-parenteżi: rata ta' tkabbir annwali tal-attività mistennija fix-xenarju inkwistjoni

([2]) Il-ħtiġijiet ta' kapital għar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli mhumiex miżjuda biex jinħadem it-total peress li jeżisti limitu minimu assolut ta' EUR 3 miljun għas-snin 2004 sa 2006 u ta' EUR 3,2 miljun għas-snin 2007 sa 2009.

([3]) Ara d-dokumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-14 ta' Novembru 2011 (fajls Excel, paġna "Kapital"). Jidher li l-metodu QIS 5 flimkien mal-mudell intern ġie użat biss sabiex jiġi ddeterminat il-kapital allokat għar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli fl-2005. Għas-snin ta' wara l-2005, il-kapital ġie ddeterminat fi […]. Ta' min jinnota li […], raġuni li għaliha r-riżultati huma identiċi bejn ix-xenarju 1A u 1B għall-2005. L-awtoritajiet Belġjani ma kkunsidrawx il-kapital mhux imħallas ta' EUR 50 miljun qabel l-2009. Huma dawn il-figuri li ntużaw għall-kalkoli tar-"return on equity" fit-taqsima li ġejja.

(69) Fil-kummenti tiegħu tas-16 u tal-31 ta' Mejju 2012, l-ONDD qal li, wara d-deċiżjonijiet strateġiċi meħuda bejn l-2007 u l-2009 (pereżempju, tibdil fl-istrateġija tar-riassigurazzjoni, tibdil fil-parametri tar-riskji tal-portafoll tar-riskji mhux kummerċjabbli) li ma kinux previsti fil-pjan strateġiku tiegħu tal-2004, saru xi trasferimenti interni tal-kapital min-negozju mhux kummerċjabbli għan-negozju kummerċjabbli.

3. *Il-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq*

(70) Skont l-awtoritajiet Belġjani, l-injezzjoni ta' kapital inizjali tal-ONDD meta nħolqot SA Ducroire tissodisfa l-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq.

Ir-redditu skont il-projezzjonijiet tal-2004

(71) Fin-nota ta' April 2004, l-ONDD assuma, skont ix-xenarju 1B ibbażat fuq tkabbir tal-attivitajiet ta' 6 %, rata ta' redditu azzjonarju ("return on equity" jew "ROE") ta' 1,3 % sa 1,5 % għall-ewwel tliet snin ta' attività ta' SA Ducroire (2005, 2006, u 2007) inklużi l-provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni, u ta' 2,2 % sa 2,9 % għal dawn l-istess snin minħajr il-provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni.

Tabella 3:

Projezzjonijiet finanzjarji ta' April 2004 (ambitu: Żona 1 "10 pajjiżi msieħba" + Żona 2)

(f'eluf ta' EUR)

	Xenarju 1A: tkabbir ta' 3 %			Xenarju 1 B: tkabbir ta' 6 %		
	Bażit 2005	Bażit 2006	Bażit 2007	Bażit 2005	Bażit 2006	Bażit 2007
Riżultat tal-attività ta' assigurazzjoni	– 527	– 536	– 543	47	389	763
Riżultat tal-attività ta' ġestjoni	1 643	1 692	1 742	1 749	1 885	2 029
Riżultat tekniku	1 116	1 156	1 199	1 797	2 274	2 792

(f'eluf ta' EUR)

	Xenarju 1A: tkabbir ta' 3 %			Xenarju 1 B: tkabbir ta' 6 %		
	Baġit 2005	Baġit 2006	Baġit 2007	Baġit 2005	Baġit 2006	Baġit 2007
Allokazzjoni għall-provvediment ta' ugwalizzazzjoni	– 837	– 867	– 899	– 1 347	– 1 706	– 2 094
Riżultat tekniku wara provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni.	279	289	300	449	569	698
Riżultat finanzjarju	2 360	2 468	2 577	2 369	2 499	2 641
Taxxi	– 871	– 910	– 949	– 930	– 1 012	– 1 102
Riżultat	1 768	1 847	1 927	1 888	2 055	2 237
Kapital	150 000	150 000	150 000	150 000	150 000	150 000
Redditu azzjonarju (riżultat/kapital)	1,2 %	1,2 %	1,3 %	1,3 %	1,4 %	1,5 %
Riżultat + riż. ta' ekwal.	2 605	2 715	2 826	3 235	3 761	4 331
Return on equity qabel provvediment ta' ugwalizzazzjoni (Riżultat + provvediment ta' ugwalizzazzjoni)/kapital	1,7 %	1,8 %	1,9 %	2,2 %	2,5 %	2,9 %
Fluss tal-flus	5 744	5 190	5 803	6 634	6 557	7 742
Livell ta' kapital meħtieġ mill-attività			68 186			74 319

Sors: l-ONDD: Dawn huma l-projezzjonijiet finanzjarji li jidhru fl-Anness 8, paġna 70 (nota intitolata "Il-Ħolqien ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata" ippreżentata lill-Bord tad-Diretturi tal-ONDD tal-20 ta' April 2004) tal-kummenti tal-awtoritajiet Belġjani tal-1 ta' Ġunju 2011.

(72) Fin-nota ppreżentata lill-Bord tad-Diretturi tiegħu tat-28 ta' Settembru 2004 — jiġifieri wara l-ħolqien ta' SA Ducroire fit-23 ta' Settembru 2004 — l-ONDD assuma, skont ix-xenarju "dinamiku — tkabbir ta' 6 %", ROE ta' 1,3 % sa 1,9 % għat-tliet snin 2005, 2006, u 2007 inklużi l-provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni, u ta' 2,8 % sa 4,3 % għal dawn l-istess snin minħajr provvedimenti ta' ugwalizzazzjoni. Il-projezzjonijiet finanzjarji ta' Settembru 2004 jippreżentaw riżultati kemxejn differenti minn dawk ta' April 2004 peress li dawk ta' Settembru 2004 huma bbażati fuq firxa ta' attivitajiet usa' (iż-Żona 1 kollha). Barra minn hekk ċerti suppożizzjonijiet kienu riveduti f'Settembru 2004.

Tabella 4:

Projezzjonijiet finanzjarji — Settembru 2004 (ambitu: Żona 1 u Żona 2 kollha)

(f'eluf ta' EUR)

	Xenarju 1A: tkabbir ta' 3 %			Xenarju 1 B: tkabbir ta' 6 %		
	Baġit 2005	Baġit 2006	Baġit 2007	Baġit 2005	Baġit 2006	Baġit 2007
Riżultat tal-attività ta' assigurazzjoni [1]	**– 229**	**49**	**292**	**330**	**924**	**1 504**
li minnhom riskji mhux kummerċjabbli (Żona 2)	*378*	*688*	*970*	*918*	*1 537*	*2 148*
li minnhom riskji kummerċjabbli (Żona 1 "10 pajjiżi msieħba")	*– 619*	*– 579*	*– 545*	*– 600*	*– 553*	*– 511*
li minnhom riskji kummerċjabbli oħrajn (Żona 1 "Pajjiżi oħrajn)"	*13*	*– 12*	*3*	*31*	*43*	*109*
Riżultat tal-attività ta' ġestjoni	1 662	1 734	1 805	1 768	1 924	2 086
Riżultat tekniku	**1 433**	**1 783**	**2 096**	**2 097**	**2 848**	**3 590**

(f'eluf ta' EUR)

	Xenarju 1A: tkabbir ta' 3 %			Xenarju 1 B: tkabbir ta' 6 %		
	Baġit 2005	Baġit 2006	Baġit 2007	Baġit 2005	Baġit 2006	Baġit 2007
Allokazzjoni għall-provvediment ta' ugwalizzazzjoni	– 1 066	– 1 383	– 1 672	– 1 564	– 2 182	– 2 392
Riżultat tekniku wara provvediment ta' ugwalizzazzjoni.	**367**	**400**	**425**	**533**	**667**	**1 197**
Riżultat finanzjarju	1 366	1 470	1 581	1 375	1 500	1 642
Taxxi	– 568	– 637	– 706	– 626	– 735	– 981
Riżultat	**1 165**	**1 233**	**1 300**	**1 282**	**1 432**	**1 858**
Kapital	100 000	100 000	100 000	100 000	100 000	100 000
Redditu azzjonarju (riżultat/kapital)	**1,2 %**	**1,2 %**	**1,3 %**	**1,3 %**	**1,4 %**	**1,9 %**
Riżultat +provvediment ta' ugwalizzazzjoni	2 231	2 616	2 972	2 846	3 614	4 251
Redditu azzjonarju qabel provvediment ta' ugwalizzazzjoni (riżultat + provvediment ta' ugwalizzazzjoni)/kapital	**2,2 %**	**2,6 %**	**3,0 %**	**2,8 %**	**3,6 %**	**4,3 %**
Fluss tal-flus	5 358	5 152	6 080	6 233	6 471	7 796
Livell ta' kapital meħtieġ mill-attività	73 506	82 798	92 150	77 419	88 931	100 696

Sors: L-ONDD: Dawn huma l-projezzjonijiet finanzjarji li jidhru fil-paġna 28 u fl-Anness 9 tan-nota intitolata "Linji gwida strateġiċi għall-ONDD u l-kumpanija b'responsabbiltà limitata tiegħu" ippreżentata lill-Bord tad-Diretturi tal-ONDD tat-28 ta' Settembru 2004, sottomessa mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-Anness 10 tal-kummenti tagħhom.

([1]) Il-Kummissjoni nnutat xi żbalji fil-kalkolu fil-projezzjonijiet finanzjarji. B'mod partikolari, it-total tar-riżultati tal-attività tal-assigurazzjoni għall-ambiti differenti jvarja mill-ammont totali tar-riżultat tal-attività tal-assigurazzjoni għal SA Ducroire. Irriżultaw żbalji fit-totali fil-kalkolu tar-riżultat tal-attività tal-assigurazzjoni għal SA Ducroire kollha. Dawn id-differenzi madankollu ma għandhomx impatt materjali fuq l-istima tal-ROE.

(73) Għall-kuntrarju tan-nota ta' April 2004, l-ROE huwa kkalkulat abbażi ta' EUR 100 miljun ta' kapital imħallas, mingħajr ma ġew ikkunsidrati l-EUR 50 miljun supplimentari investiti iżda mhux imħallsa.

(74) F'dak li jirrigwarda l-ROE mistenni għall-attività tar-riskji kummerċjabbli, l-awtoritajiet Belġjani spjegaw li t-tqassim kif stipulat fin-nota tal-istrateġija ppreżentata lill-Bord tad-Diretturi tat-28 ta' Settembru 2004 ([31]) ma għandux ikun ikkunsidrat għall-analiżi tar-redditu mill-attivitajiet kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli. L-awtoritajiet Belġjani spjegaw ([32]) li dawn il-projezzjonijiet huma assurdi, peress li l-livell ta' pretensjonijiet kien stmat għoli żżejjed għar-riskji li saru kummerċjabbli fl-2004, filwaqt li ma ġietx ikkunsidrata l-possibbiltà għal assiguratur li jaġġusta l-primjums f'każ ta' ammont kbir ta' pretensjonijiet li fil-fatt kien osservat. L-awtoritajiet Belġjani jfakkru li l-Bord tad-Diretturi tal-ONDD ma bbażax ruħu fuq it-tqassim magħmul fl-Anness 9 tan-nota strateġika sabiex jiddeċiedi l-livell ta' kapitalizzazzjoni ta' SA Ducroire.

Redditu skont il-projezzjonijiet stabbiliti ex post fl-2011

(75) Għalhekk dawn il-projezzjonijiet tal-2004 ma servewx ta' bażi għat-tqassim tal-projezzjonijiet tar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli ppreżentati lill-Kummissjoni f'Ġunju 2011. Il-kummenti ta' Ġunju 2011, min-naħa tagħhom, kienu bbażati fuq l-istorja ta' qabel l-2004 u fuq il-prestazzjoni tal-kompetituri ta' SA Ducroire f'dak iż-żmien. Il-Belġju jemmen li l-approċċ użat fil-kummenti ta' Ġunju 2011 jirrifletti aħjar ir-raġunamenti li seta' segwa investitur privat fl-2004, u fl-istess waqt jibqa' konsistenti mar-riżultat ikkonsolidat.

([31]) Ara l-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" sottomessi mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011, Anness 10.

([32]) Ara t-"Tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2011" sottomessi mill-awtoritajiet Belġjani fil-5 ta' Diċembru 2011, paġna 33.

(76) Fil-kummenti tagħhom ta' Ġunju 2011, l-awtoritajiet Belġjani stmaw ir-redditu għall-attivitajiet kummerċjabbli meta mqabbel mal-kapital allokat għal din l-attività skont il-mudell ta' Solvenza II (formula standard QIS 5 u mudell intern), metodu li ġie żviluppat *ex post* wara t-talba tal-Kummissjoni. Għandu jiġi nnutat li d-differenza bejn l-ammont tal-kapital minimu skont dan il-mudell, jiġifieri EUR 82 miljun, u l-kapital effettivament imħallas ta' EUR 100 miljun ġie allokat lill-attività kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli b'mod proporzjonat mas-sehem rispettiv tagħhom fil-kapital minimu ta' EUR 82 miljun. Minn dan jirriżulta li l-kapital "aġġustat" stmat mill-ONDD għar-riskji kummerċjabbli jammonta għal EUR 9,8 miljun għall-2005 ([33]) (ara t-Tabella 5 hawn taħt).

(77) Abbażi tal-projezzjonijiet finanzjarji riveduti u ppreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-2011 u l-istimi tagħhom tal-kapital allokat għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli kif spjegat fil-premessa (76), ir-redditu mill-attività tar-riskji kummerċjabbli għall-2005-2007, kif stabbilit mill-awtoritajiet Belġjani huwa ppreżentat hawn taħt:

Tabella 5:

Projezzjonijiet finanzjarji kkalkulati mill-ġdid fl-2011 ([1])

(f'eluf ta' EUR)

	Xenarju 1B (tkabbir 6 %) riskji kummerċjabbli			Xenarju 1 B (tkabbir 6 %) riskji mhux kummerċjabbli		
Projezzjonijiet finanzjarji	Bażit 2005	Bażit 2006	Bażit 2007	Bażit 2005	Bażit 2006	Bażit 2007
Riżultat tal-attività ta' assigurazzjoni	656	516	596	– 326	408	908
Riżultat tal-attività ta' ġestjoni	292	329	363	1 476	1 596	1 723
Riżultat tekniku qabel il-provvediment	**948**	**845**	**959**	**1 150**	**2 004**	**2 631**
Allokazzjoni għall-provvediment ta' ugwalizzazzjoni	– 328	– 347	– 368	– 1 236	– 1 835	– 2 024
Riżultat tekniku provvediment ta' ugwalizzazzjoni.	**620**	**497**	**591**	**-86**	**170**	**607**
Riżultat finanzjarju	280	347	374	1 095	1 153	1 268
Taxxi	– 297	– 279	– 318	– 330	– 456	– 664
Riżultat wara t-taxxa	**603**	**566**	**646**	**679**	**866**	**1 212**
Kapital (QIS 5 + mudell intern) aġġustat ([2])	9 756	10 322	10 969	90 244	91 110	92 321
Kapital aġġustat + provvediment ta' ugwalizzazzjoni	9 756	10 437	11 205	90 244	91 743	93 671
ROE (riżultat/kapital)	**6,2 %**	**5,5 %**	**5,9 %**	**0,8 %**	**1,0 %**	**1,3 %**
Riżultat +provvediment ta' ugwalizzazjoni	**823**	**799**	**893**	**1 511**	**2 068**	**2 519**
ROE qabel provvediment ta' ugwalizzazzjoni.	**8,4 %**	**7,7 %**	**8,0 %**	**1,7 %**	**2,3 %**	**2,7 %**

([1]) Ara l-kummenti tal-awtoritajiet Belġjani tal-14 ta' Novembru 2011 (fajls Excel "201105 P&L u Karta tal-Bilanċ tal-Business Plan Xenarju 1B", paġni P&L_cessibles u PL_non_cessibles).

([2]) Jidher li l-metodu QIS 2005 flimkien mal-mudell intern intuża biss sabiex jiġi ddeterminat il-kapital allokat għar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli fl-2005. Il-kapital għas-snin 2006 u 2007 ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-kapital tal-2005 flimkien mal-qligħ stmat akkumulat matul dak il-perjodu.

([33]) Il-kalkolu li għamel il-Belġju huwa dan li ġej għar-riskji kummerċjabbli: EUR 8 miljun + [(EUR 100 miljun — EUR 82 miljun) × (EUR 8 miljun/EUR 82 miljun)]. L-istess japplika għar-riskji mhux kummerċjabbli.

(78) L-ROE huwa kkalkulat mill-awtoritajiet Belġjani fuq il-bażi ta' EUR 100 miljun ta' kapital imħallas, mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-EUR 50 miljun supplimentari investiti iżda mħallsa biss fl-2009.

(79) Għad-dubju mqajjem fid-deċiżjoni tal-ftuħ li investitur privat jitlob remunerazzjoni fuq il-kapital mhux imħallas minħabba li jitilfu f'każ ta' falliment, l-awtoritajiet Belġjani wieġbu li huma jkomplu jsostnu l-pożizzjoni tagħhom, jiġifieri li l-kapital ta' EUR 50 miljun ma għandux jiġi kkunsidrat fil-kalkolu tal-profittabbiltà sakemm ikun effettivament imħallas. Fil-fehma tagħhom, il-falliment (jekk wieħed jissupponi li dan jirriżulta f'talba għall-bilanċ tal-kapital sottoskritt) ikollu biss l-effett li jnaqqas it-tul ta' tali investiment. Huma żiedu wkoll li, sal-ħlas tiegħu fl-2009, l-ONDD seta' jqiegħed liberament dan il-kapital ta' EUR 50 miljun fuq is-suq sabiex igawdi minn redditu korrispondenti.

(80) Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Belġjani, rata ta' investiment ta' 2 %, użata fil-projezzjonijiet tal-2004 u kkunsidrata fil-kalkoli ppreżentati fit-Tabella 5, hija inqas minn dik li investitur privat kien aktarx juża. Bl-użu ta' rata ta' investiment ta' 3,5 %, l-awtoritajiet Belġjani ddeterminaw li l-projezzjoni tal-profittabbiltà tan-negozju kummerċjabbli (ROE aġġustat għall-provvediment ta' ugwalizzazzjoni) tilħaq bejn l-2005-2007 livell ta' madwar 9,7 sa 10,4 % (meta mqabbla ma' madwar 7,7 sa 8,4 % b'rata ta' investiment ta' 2 %) ([34]).

L-użu tal-proporzjon ROR

(81) L-awtoritajiet Belġjani jqisu li r-rata l-aktar xierqa għall-valutazzjoni tar-redditu mistenni tal-investiment hija dik tal-"*Economic Return on Revenue*" (minn hawn 'il quddiem "ROR"), għalkemm din ir-rata hija nieqsa mill-projezzjonijiet finanzjarji *ex ante* (pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-ONDD). Din ir-rata hija kkalkulata bit-tqabbil tad-dħul tekniku (qabel l-allokazzjoni għall-provvediment ta' ugwalizzazzjoni) mal-fatturat (primjums tal-assigurazzjoni). Skont l-awtoritajiet Belġjani, l-ROR huwa l-aktar adattat peress li:

(a) jiġi kkalkulat qabel il-provvediment ta' ugwalizzazzjoni, imposta mill-awtoritajiet prudenzjali Belġjani, u li għandha l-għan li tibbilanċja r-riżultati maż-żmien u tkopri telf possibbli futur li jirriżulta mill-attività futura;

(b) l-ROR jirrifletti eżattament ir-redditu mill-attività ta' assigurazzjoni tal-kreditu billi jiżolah mir-redditu puramment finanzjarju. Għalhekk jindika r-redditu marbut mal-"qalba" tal-attività tal-assigurazzjoni tal-kreditu.

(82) B'ROR ta' 16,5 % u 18,5 % rispettivament fl-2005 u fl-2006, SA Ducroire tkun aktar profittabbli ([35]) mit-tliet atturi l-kbar tal-assigurazzjoni tal-kreditu Coface, Euler Hermes u Atradius li l-ROR tagħhom fl-2005 u fl-2006 kienu rispettivament 9,7 % u 10,9 %, 16,0 % u 16,9 %, 9,3 % u 11,9 %.

Id-determinazzjoni tar-redditu mistenni

(83) Bi tweġiba għal kumment tal-Kummissjoni li seħqet li aktarx li investitur privat ma kienx jibbaża biss fuq il-proporzjon ROR sabiex jivvaluta r-redditu mill-investiment li jippjana li jagħmel, l-awtoritajiet Belġjani pproponew żewġ metodoloġiji ġodda, sabiex jiġġustifikaw li r-redditu ta' SA Ducroire kien biżżejjed fil-mument tal-kapitalizzazzjoni tagħha. Dawn huma (a) il-mudell "Capital Asset Pricing Model" (minn hawn 'il quddiem "CAPM") ([36]), li permezz tiegħu tkun tista' tiġi vvalutata r-rata tar-redditu mistenni mis-suq għal assi finanzjarju bbażat fuq ir-riskju tiegħu u (b) valutazzjoni komparattiva ("benchmarking") tar-redditu tal-assiguraturi tal-kreditu.

([34]) Ara d-dokument sottomess mill-awtoritajiet Belġjani fil-5 ta' Diċembru 2011 "Tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2011", paġni 38 u 39.


([35]) Ara l-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" sottomessi mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011, p. 38.

([36]) Mudell ta' valutazzjoni tal-assi finanzjarji (Capital Asset Pricing Model — CAPM).

(84) Skont il-mudell CAPM, l-ispiża tal-kapital hija ddeterminata bil-formula li ġejja:

Kost tal-kapital = rata mingħajr riskju + primjum tar-riskju tal-kapital
Kost tal-kapital = rata mingħajr riskju + koeffiċjent beta tal-assi (*) [primjum tar-riskju fis-suq]
Fejn il-Beta tal-assi jirrappreżenta l-volatilità tar-redditu tal-assi kkunsidrat imqabbla ma' dak tas-suq

(85) L-awtoritajiet Belġjani stmaw il-kost tal-kapital ta' SA Ducroire kif indikat fil-grafika li ġejja.



(86) Skont l-istimi tal-ONDD ibbażati fuq is-CAPM, investitur privat fis-settur Belġjan tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kien jitlob fl-2004 redditu ta' mill-inqas ta' 7-8 %.

(87) Biex jinkiseb il-valutazzjoni komparattiva tar-redditu storiku tas-settur, l-awtoritajiet Belġjani ħolqu kampjun ta' assiguraturi billi għażlu lil dawk li jissodisfaw dawn il-kriterji: (a) atturi Ewropej, (b) li l-attività ewlenija tagħhom hija l-assigurazzjoni tal-kreditu, (c) li huma attivi l-aktar fis-settur tar-riskji kummerċjabbli u għandhom attività fis-settur tar-riskji mhux kummerċjabbli, minbarra l-kumpaniji soġġetti għal proċedura ta' għajnuna mill-Istat jew li nħolqu wara l-2004 u minbarra s-sussidjarji ta' kumpanija li ntgħażlet fil-kampjun. Il-kampjun jinkludi 11-il assiguratur. Skont l-awtoritajiet Belġjani, għall-assiguraturi tal-kreditu attivi l-aktar fis-settur tar-riskji kummerċjabbli, wieħed josserva ROE medju ta' 6 sa 7,5 % skont il-perjodu kkunsidrat (jiġifieri inklużi jew esklużi s-snin tal-kriżi). L-ROE medju għal dawn il-11-il assiguratur fl-2004 huwa ta' 7,8 % meta mqabbel ma' 13.3 % ROE medju għat-tliet atturi ta' referenza tas-suq (ara t-Tabella 6).

Tabella 6:

Valutazzjoni komparattiva ta' redditu tal-assiguraturi tal-kreditu mressaq mill-Belġju

Metodoloġija ta' definizzjoni tal-kampjun għall-benchmarking ta' ROE kummerċjabbli		ROE (2), 2000-09, Perċentwal																
Kriterji tal-għażla	Daqs tal-kampjun	Kumpaniji	Uffiċċju prinċipali	Sehem kummerċjabbli stmat (3) %	Primjums grossi M€, 2004	ROE											Medji		
						1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2001-04	2003-04	2001-09
• Assiguraturi tal-kreditu membri fl-ICISA u fl-Unjoni ta' Berna (4)	115	Cesce	Spanja	60	51 (5)			2,3	5,2	7,3	6,0	3,5	8,3	2,3	– 24,0	10,4	4,1	4,5	1,8
		KUKE	Il-Polonja	60	7			– 9,0	0,5	1,9	5,5	7,9	4,9	5,3	8,1	– 14,6	– 0,3	3,7	1,2
• Assiguraturi tal-kreditu Ewropej (7)	47	COSEC	Il-Portugall	90	37			1,5	1,7	– 5,1	8,1	7,3	2,2	6,0	– 9,0	1,8	1,5	1,5	1,6
		Prisma	Il-Ġermanja	100	36	0,0	4,8	6,8	4,7	5,6	9,3	12,9	17,1	9,5	15,9	7,6	6,6	7,5	9,9
• Kumpaniji li l-attività ewlenija tagħhom hija l-assigurazzjoni tal-kreditu u li huma attivi l-aktar fuq ir-riskji kummerċjabbli (1)	19	Credit y Caucion	Spanja	100	341	9,0	13,7	14,3	16,0	21,1	17,6	14,3	13,7	15,2	53,7	0,5	17,3	19,4	18,5
		Baez	Il-Bulgarija	60	0,5						4,7	8,7	5,3	11,5	10,6	14,2	4,7	4,7	9,2
• Esklużjoni tal-kumpaniji soġġetti għal proċedura ta' għajnuna mill-Istat (i. e. SACE u SACE BT)	16	Garant	L-Awstrija	50	4						– 7,3	– 5,6	0,6	1,3	3,2	-10,7	-7,3	-7,3	-3,1
		Mehib	L-Ungerija	90	6 (5)				0,2	0,8	2,2	0,8	-2,3	0,4	5,7	8,2			

Metodoloġija ta' definizzjoni tal-kampjun għall-benchmarking ta' ROE kummerċjabbli	
Kriterji tal-għażla	Daqs tal-kampjun
• Esklużjoni tal-kompaniji li nħolqu wara l-2004 u/jew sussidjarji ta' kompanija oħra diġà fil-lista	11

ROE ([2]), 2000-09, Perċentwal

Kumpaniji	Uffiċċju prinċipali	Sehem kummerċjabbli stmat ([3]) %	Primjums grossi M€, 2004	ROE											Medji		
				1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2001-04	2003-04	2001-09
Atradius	Il-Pajjiżi l-Baxxi	90	1079			1,8	– 17,5	3,4	10,1	16,8	14,5	19,4	– 22,1	– 12,5	– 0,5	6,8	1,5
Euler Hermes	Franza	96	1567		13,7	13,2	16,7	14,5	18,4	17,7	17,3	21,8	4,5	1,3	15,7	16,4	13,9
COFACE	Franza	83	903	11,3	11,8	9,2	3,2	13,2	11,5	13,4	11,2	15,1	3,7	– 15,0	9,3	12,4	7,3
Medja ([6])					11,0	5,0	3,4	7,0	7,8	8,9	8,4	9,8	4,6	-0,8	5,8	7,4	6,0
Medja ([6]) tat-tliet atturi ta' referenza						8,1	0,8	10,4	13,3	16,0	14,3	18,8	-4,6	-8,7	8,2	11,9	7,6
Medja ([6]) tal-atturi ta' daqs paragunabbli						3,1	4,7	5,3	5,8	6,2	6,2	6,4	8,0	2,2	4,7	5,5	5,3

([1]) L-atturi li għandhom attività stmata prinċipalment kummerċjabbli biss (jiġifieri ogħla minn 50 % f'termini ta' primjums jew ta' espożizzjoni totali skont id-disponibbiltà tal-informazzjoni) intgħażlu
([2]) Aġġustat bil-provvediment ta' ugwalizzazzjoni
([3]) Abbażi tal-informazzjoni ġeografika mibgħuta pereżempju espożizzjonijiet, primjums (tvarja skont il-kumpaniji)
([4]) Assoċjazzjonijiet internazzjonali tal-assiguraturi tal-kreditu
([5]) Primjums netti
([6]) Medja mhux ippeżata
([7]) Fl-2004 jew fil-futur qrib

(88) Skont l-awtoritajiet Belġjani, ir-redditu mistenni qabel il-provvediment ta' ugwalizzazzjoni (ROE qabel il-provvedimebt ta' ugwalizzazzjoni) tal-attività tar-riskji kummerċjabbli, skont il-projezzjonijiet finanzjarji kkalkulati mill-ġdid mill-awtoritajiet Belġjani fl-2011 taħt ix-xenarju 1B (ara t-Tabella 5), huwa konformi mal-aspettattivi ta' redditu li kien ikollu investitur privat fl-2004 (kif stmati mill-awtoritajiet Belġjani abbażi tal-ispiża tal-kapital skont il-mudell CAPM u fuq il-bażi tal-valutazzjoni komparattiva tar-redditu tal-assiguraturi tal-kreditu, ara l-premessi (86) u (87) rispettivament).

Separazzjoni tal-kontijiet

(89) Wara t-talba tal-Kummissjoni, magħmula fid-deċiżjoni tal-ftuħ, għall-konformità mal-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu li teħtieġ ġestjoni separata u kontijiet separati għall-attivitajiet tal-assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli u tar-riskji mhux kummerċjabbli, l-awtoritajiet Belġjani wieġbu li separazzjoni bħal din tal-kontijiet mhijiex meħtieġa. Wara l-1 ta' Jannar 2005, l-attivitajiet għal żmien qasir (riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli) isiru fi ħdan SA Ducroire bħala parti mit-trasferiment ta' attività eżistenti. Skont l-awtoritajiet Belġjani, peress li SA Ducroire ma għadhiex tgawdi mill-appoġġ tal-Istat, anki għall-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli li hija twettaq, il-Belġju huwa tal-fehma li mhemmx bżonn li jsiru kontijiet separati.

V. **VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA**

V.1. L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(90) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jipprovdi li, ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

(91) Il-Kummissjoni trid l-ewwel tanalizza jekk il-miżuri inkwistjoni humiex għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 (1) tat-TFUE. Għaldaqstant, fit-taqsimiet li ġejjin, hija tanalizza l-miżuri fid-dawl tad-diversi kriterji li jikkostitwixxu għajnuna.

V.1.1. **L-eżistenza ta' vantaġġ**

V.1.1.1 *L-eżistenza ta' vantaġġ minħabba l-garanzija mill-Istat (Miżura 1) u t-trasferimenti interni possibbli ta' riżorsi favur ir-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD (Miżura 2)*

(92) Skont il-punti 3.1 u 3.2 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu, il-garanzija tal-Istat li minnha tgawdi kumpanija tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni tista' tagħtiha vantaġġ finanzjarju fil-konfront tal-kompetituri tagħha. Għalhekk, l-investigazzjoni li nbdiet fit-23 ta' Frar 2011 (ara l-premessa (26)) kienet tirrigwarda prinċipalment il-garanzija tal-Istat Belġjan li minnha gawda l-ONDD għall-attività tiegħu marbuta mar-riskji kummerċjabbli.

(93) Mill-1 ta' Settembru 2003, kont "kummerċjali" li ma kienx igawdi, skont l-awtoritajiet Belġjani, mill-garanzija tal-Istat ġie assenjat għall-attività tal-ONDD marbuta mar-riskji fuq żmien qasir, inklużi r-riskji kummerċjabbli.

(94) Peress li fi ħdan l-ONDD ma kinux jeżistu kontijiet separati li jippermettu li wieħed jiddistingwi bejn l-attività ta' assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli u dik marbuta mar-riskji mhux kummerċjabbli, l-awtoritajiet Belġjani ġew mistiedna jispjegaw il-parti tal-garanzija tal-Istat li setgħet titqies bħala allokata, sal-31 ta' Awwissu 2003, għall-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli. Huma ġew mistiedna wkoll jipprovdu l-evidenza li din il-garanzija waqfet fil-31 ta' Awwissu 2003 u mhux meta nħolqot SA Ducroire fl-1 ta' Jannar 2005.

(95) L-awtoritajiet Belġjani ddikjaraw li l-ONDD waqaf joffri kopertura tar-riskji fuq debituri fiż-"Żona 1" ([37]) fl-1993. Wara l-1993, l-attività tal-ONDD kienet immirata biss lejn ir-riskji mhux kummerċjabbli. L-ONDD kien jaċċetta b'mod pjuttost eċċezzjonali l-kopertura tar-riskji kummerċjabbli.

([37]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru (22).

(96) Kif intqal fil-premessa (34), il-Belġju ddikjara li l-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD qabel Mejju 2004 kienet żgħira ħafna. Barra minn hekk, il-perċentwal baxx ħafna ta' riskji kummerċjabbli li dak iżżmien kien kopert, kien kopert biss minħabba r-rabta ta' dawn ir-riskji ma' riskju mhux kummerċjabbli. Każ ipotetiku maħsub ([38]) huwa deskritt kif ġej: "Persuna assigurata X kienet tbigħ oġġetti lil intermedjarju A li jinsab fiżżona 1, li kien jerġa' jbigħ l-oġġetti lill-klijent finali B, li jinsab fiż-żona 2. Ħafna drabi l-oġġetti kienu jitwasslu direttament lill-klijent finali B. Il-ħlas tal-fattura tal-assigurat X mill-intermedjarju A kien *de facto* marbut mal-ħlas tal-fattura tal-intermedjarju A mill-klijent finali B. Il-partijiet assigurati ġeneralment ma kinux isibu kopertura mingħand assiguratur ieħor tal-kreditu minħabba li dawn kienu operazzjonijiet li jiddependu fuq ir-riskju politiku talpajjiż fejn kien jinsab il-klijent finali B".

(97) L-awtoritajiet Belġjani affermaw mill-ġdid li dawn ir-riskji ma kinux isibu kopertura mingħand assiguraturi tal-kreditu oħrajn privati.

(98) Fid-dawl tal-fatturi msemmija fil-premessi (93) sa (95), huwa stmat li dawn ir-riskji, għalkemm teoretikament jikkwalifikaw bħala kummerċjabbli (minħabba r-relazzjoni ewlenija bejn l-esportatur assigurat X, u l-intermedjarju A), fil-prattika għandhom jitqiesu bħala riskji mhux kumerċjabbli, minħabba l-kundizzjonijiet tas-suq ta' dan il-perjodu. Barra minn hekk, qabel Mejju 2004, dawn ir-riskji kienu koperti mill-ONDD b'mod għal kollox eċċezzjonali peress li kienu jirrappreżentaw inqas minn [0-2 %] tal-primjums (fil-perjodu 2000-2004) tal-portafoll fuq perjodu qasir tal-ONDD (ara l-premessa (34)).

(99) L-awtoritajiet Belġjani ġabu wkoll l-evidenza li l-garanzija tal-Istat li minnha kien igawdi l-ONDD għall-attività tiegħu marbuta mar-riskji kummerċjabbli waqfet taħdem mill-1 ta' Settembru 2003. Fil-fatt, din il-garanzija ntemmet mat-trasferiment tar-riskji kummerċjabbli fil-kont kummerċjali, kont li għalih l-ONDD kiseb l-approvazzjoni tal-OCA ([39]), preċiżament minħabba li dan il-kont ma kellux garanzija mill-Istat. Id-Digriet Irjali li jiddefinixxi l-attivitajiet imwettqa mill-ONDD f'ismu stess mingħajr il-garanzija tal-Istat, ippubblikat fl-1 ta' Settembru 2003, data li fiha daħal fis-seħħ, jiddefinixxi l-operazzjonijiet li għandhom jitħallsu minn dan il-kont. Wara d-dħul fisseħħ tad-Digriet Irjali ([40]), kull kopertura ta' riskji permezz ta' polza ta' esportazzjoni u ta' inqas minn sentejn hija rregolata mill-Artikolu 3(2) tal-Liġi tal-1939 (attività f'isem l-ONDD mingħajr il-garanzija tal-Istat).

(100) Bħala konklużjoni, id-dubji mqajma mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ u li kienu jirrigwardaw l-eżistenza ta' vantaġġ għall-attività ta' assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli minħabba l-garanzija tal-Istat għandhom jitneħħew. Fil-fatt, huwa kkunsidrat li l-garanzija tal-Istat li minnha gawda l-ONDD għall-attività tiegħu marbuta marriskji kummerċjabbli sa Awwissu 2003 ma tatx vantaġġ kompetittiv lil din l-attività meta mqabbla mal-kompetituri tiegħu, peress li ma kienet teżisti l-ebda attività verament kummerċjabbli. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda tentattiv ta' żvilupp ta' attività verament kummerċjabbli fuq il-bażi tal-garanzija tal-Istat. Wieħed jista' jikkonkludi wkoll li l-attività kollha marbuta mar-riskji fuq żmien qasir ma baqgħetx tgawdi mill-garanzija tal-Istat mill-1 ta' Settembru 2003.

(101) Ma kienx hemm trasferimenti interni favur ir-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD minħabba li ma kien hemm ebda attività ta' riskji verament kummerċjabbli. Ma kien hemm l-ebda tentattiv ta' żvilupp ta' attività verament kummerċjabbli fuq il-bażi ta' trasferiment ta' riżorsi tal-attività mhux kummerċjabbli (ara l-premessa (98)). Bħala konklużjoni, ma hemm l-ebda evidenza li ssostni l-eżistenza ta' trasferimenti ta' riżorsi favur ir-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD jew ta' kwalunkwe vantaġġ li minnu seta' gawda l-ONDD wara trasferimenti bħal dawn.

(102) Għaldaqstant, il-Miżuri 1 u 2 ma jagħtux vantaġġ skont l-Artikolu 107 tat-TFUE. Għalhekk, mhumiex għajnuna mill-Istat.

(103) Minn dan jirriżulta li l-analiżi tal-kriterji l-oħrajn li jikkostitwixxu għajnuna (riżorsi tal-Istat, selettività, distorsjoni tal-kompetizzjoni) mhijiex sejra tkun żviluppata għall-Miżuri 1 u 2 fil-partijiet li ġejjin.

([38]) Ara l-"Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011" sottomessi mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011, p. 13-14.

([39]) Abbażi tal-Artikolu 2.2d tad-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE (fis-seħħ dak iż-żmien), l-ONDD ma kellux jingħata l-approvazzjoni tal-OCA diment li l-operazzjonijiet tiegħu kienu koperti mill-garanzija tal-Istat Belġjan. Bit-twettiq, minn dakinhar, permezz tal-kont "kummerċjali", ta' attivitajiet mhux garantiti mill-Istat Belġjan, l-ONDD ma baqax igawdi mill-eżenzjoni inkluża fl-Artikolu 2.2d u kellu jikseb l-approvazzjoni mill-OCA.

([40]) Ara l-paġna 15 tas-sottomissjoni tal-awtoritajiet Belġjani tal-1 ta' Ġunju 2011.

V.1.1.2 *L-eżistenza ta' vantaġġ minħabba l-allokazzjoni ta' kapital lil SA Ducroire (Miżura 3)*

Ambitu kopert sabiex jiġi stabbilit jekk l-allokazzjoni ta' kapital lil SA Ducroire tikkostitwixxix għajnuna

(104) Skont id-deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessi (27) u (28) ta' din id-deċiżjoni), iż-żewġ ammonti li ġejjin għandhom jitnaqqsu mill-ammont tal-allokazzjoni inizjali ta' kapital ta' SA Ducroire għaliex ma jikkostitwixxux għajnuna:

(a) il-parti tal-kapital li tappoġġja l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli (l-ewwel kriterju ta' esklużjoni);

(b) il-parti tal-kapital li hija diġà ta' benefiċċju, fi ħdan l-ONDD, għall-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli, u sempliċement trasferita lil SA Ducroire mal-attivitajiet korrispondenti. Fil-fatt, din hija biss allura tibdil tal-forma ġuridika ta' attività ekonomika diġà eżistenti, bil-kapital marbut magħha. Fuq il-bażi tal-approċċ segwit fid-deċiżjoni dwar il-ħolqien tal-Banque Postale ([41]), trasferiment ta' kapital bħal dan ma jagħtix vantaġġ ġdid lill-attività ekonomika inkwistjoni u allura ma jikkostitwixxix għajnuna bħala tali (it-tieni kriterju ta' esklużjoni).

(105) Biex issegwi l-approċċ żviluppat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni jkollha tibda billi tapplika dawn iż-żewġ kriterji ta' esklużjoni.

(106) Madankollu, il-Belġju invoka argument ibbażat fuq it-tieni kriterju ta' esklużjoni u li, jekk jirriżulta tajjeb, jeskludi minnufih il-kwalifika ta' għajnuna tal-Miżura 3 kollha. Għaldaqstant il-Kummissjoni sejra l-ewwel turi li dan l-argument mhuwiex validu, qabel ma tapplika ż-żewġ kriterji ta' esklużjoni ppreżentati fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

Ir-rifjut tad-dikjarazzjoni tal-Belġju li t-total ta' EUR 150 miljun kien marbut mal-attività trasferita fl-2004

(107) Bi tweġiba għad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Belġju invoka favur tiegħu u wessa' t-tieni kriterju ta' esklużjoni li l-kapital li, fi ħdan l-ONDD, kien diġà ta' benefiċċju għall-attivitajiet kummerċjabbli eżistenti eżatt qabel it-trasferiment tagħhom lil SA Ducroire fl-1 ta' Jannar 2005 ma jikkostitwixxix għajnuna. B'mod aktar speċifiku, il-Belġju jqis li l-kapital kollu inizjali ta' EUR 150 miljun allokat lil SA Ducroire kien jikkostitwixxi l-kapital ekonomiku assoċjat mal-attivitajiet ta' assigurazzjoni għal żmien qasir (**kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli**) trasferiti. Huwa jqis li l-ħolqien ta' SA Ducroire bil-kapital inizjali tiegħu ta' EUR 150 miljun huwa biss bidla fil-forma ġuridika ta' attività eżistenti u tal-kapital marbut magħha. It-total tal-allokazzjoni inizjali tal-kapital għaldaqstant mhijiex għajnuna. Għalhekk, skont il-Belġju, mhemmx għalfejn ikun ivverifikat kif dan il-kapital intuża wara minn SA Ducroire (jiġifieri, jekk intużax għar-riskji kummerċjabbli jew mhux kummerċjabbli — l-ewwel kriterju ta' esklużjoni) minħabba li dan il-kapital ma kienx għajnuna.

(108) Biex isostnu din id-dikjarazzjoni, l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li s-sottoskrizzjoni ta' EUR 150 miljun f'kapital lil SA Ducroire kienet meħtieġa, u dan, mill-bidu tal-2005. L-awtoritajiet Belġjani jiġġustifikaw dan il-livell ta' kapitalizzazzjoni abbażi tal-"istandards attwali" żviluppati fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Direttiva Solvenza II ([42]) (metodu msejjaħ "standard" skont il-parametri tekniċi kif stabbiliti fi studju tal-impatt ("QIS 5" għall-Belġju, li jmur lura għal Marzu 2011) għar-riskji kollha ta' SA Ducroire bl-eċċezzjoni tar-riskji politiċi li għalihom intuża mudell intern sabiex tiġi determinata l-ħtieġa ta' kapital li jkopri dawn ir-riskji. Kif indikat fl-intestatura "Solvenza II bil-mudell intern għar-riskji politiċi" tat-Tabella 2, kien meħtieġ kapital ta' EUR [125-150] miljun sabiex ikopri l-livell ta' attività previst fl-2009.

([41]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2005 fil-Każ N 531/2005 "Miżuri marbuta mal-ħolqien u l-funzjonament ta' Banque Postale", ĠU C 21/2006 tat-28 ta' Jannar 2006, p. 2, disponibbli fuq is-sit: http://ec.europa.eu/eu_law/state_aids/comp-2005/n531-05.pdf.

([42]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 29.

(109) Il-Kummissjoni tinnota li l-kunċett ta' "kapital marbut mal-attivitajiet trasferiti" huwa definit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2005 "Miżuri relatati mal-ħolqien u l-operat tal-Banque Postale" ([43]). F'dan il-każ, kien ġie konkuż li t-trasferiment ma kienx jinkludi kapital ġdid peress li l-ekwità marbuta mal-attivitajiet tas-servizzi finanzjarji biss ta' La Poste kienu ġew trasferiti lill-entità ġuridika li kienet għadha kemm inħolqot imsejħa "La Banque Postale". Fi kliem ieħor, kienet esklussivament ekwità eżistenti u assenjata qabel b'mod ċar għall-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi trasferiti. L-analiżi kienet iffukata għalhekk fuq il-kapital li kien diġà formalment marbut mal-attivitajiet trasferiti u mhux fuq stima prospettiva tal-kapital li kien ikun xieraq li jingħata lill-entità l-ġdida bħala appoġġ għall-iżvilupp futur tagħha.

(110) Kif spjegat qabel, l-attività marbuta mar-riskji għal żmien qasir (kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli) trasferita lil SA Ducroire kienet ġestita fi ħdan l-ONDD permezz tal-kont kummerċjali mill-1 ta' Settembru 2003. Kapital ta' EUR [45-70] miljun kien ġie assenjat għal dan il-kont. Barra minn hekk, kif intqal fil-premessa (99), l-ONDD kiseb b'mod speċifiku u biss għall-kont kummerċjali (u l-kapital relatat ta' EUR [45-70] miljun) l-approvazzjoni tar-regolatur nazzjonali tal-asiguraturi (l-OCA). Ir-regoli u s-sorveljanza tal-OCA kienu jirrigwardaw fost l-oħrajn il-konformità mar-regoli ta' solvenza (fond minimu ta' garanzija, marġini ta' solvenza li trid issir) ([44]). Minn dan isegwi li, abbażi tar-regoli prudenzjali fis-seħħ f'dak iż-żmien, dawn l-attivitajiet għal żmien qasir fil-kont kummerċjali kienu kapitalizzati b'mod adegwat.

(111) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, skont in-nota interna tal-20 ta' April 2004 ([45]) li fuq il-bażi tagħha ittieħdet id-deċiżjoni li tinħoloq SA Ducroire u li jingħatalha kapital ta' EUR 150 miljun, il-kapital strettament allokat għall-attività marbuta mar-riskji għal żmien qasir kien il-kapital irreġistrat fil-kont kummerċjali flimkien mal-benefiċċju ta' perjodu ta' 16-il xahar (mill-1 ta' Settembru 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004) stmat għal EUR [0-5] miljun. In-nota tgħid li "fuq il-kapital ta' EUR 150 miljun tal-kumpanija b'responsabbiltà limitata, EUR [45-70] miljun ġejjin mit-trasferiment tal-ekwità tal-kont kummerċjali". Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li fil-mument li ġie deċiż li tinħoloq SA Ducroire, il-kapital li seta' jiġi kkunsidrat bħala formalment allokat għall-attivitajiet għal żmien qasir fil-31 ta' Diċembru 2004 kien jammonta biss għal EUR [45-75] miljun (għal EUR [45-70] miljun flimkien mal-benefiċċju stmat ta' EUR [0-5] miljun). Għalhekk, it-trasferiment ta' dan il-kapital biss li jammonta għal EUR [45-75] miljun jikkostitwixxi l-parti tal-kapital li kienet diġà ta' benefiċċju fi ħdan l-ONDD għall-attività marbuta mar-riskji għal żmien qasir u sempliċement trasferita lil SA Ducroire. Għaldaqstant dan it-trasferiment ma jistax ikun vantaġġ ġdid għal din l-attività u allura ma jikkostitwixxix għajnuna.

(112) Il-Kummissjoni għaldaqstant tiċħad l-allegazzjoni tal-Belġju li l-kapital inizjali kollu ta' EUR 150 miljun huwa l-kapital sempliċement trasferit, li kien diġà allokat fi ħdan l-ONDD għall-attività trasferita u, ma jistax għalhekk jitqies bħala vantaġġ. Il-Kummissjoni tqis li d-differenza bejn l-EUR [45-75] miljun u l-kapital effettivament sottoskritt ta' EUR 150 miljun hija għalhekk kapital addizzjonali li jirrappreżenta vantaġġ ġdid għal din l-attività.

(113) B'mod sussidjarju, il-Kummissjoni tinnota li n-noti interni tal-2004, li appoġġjaw id-deċiżjoni tal-ONDD li tagħti lil SA Ducroire kapital ta' EUR 150 miljun (ferm ogħla mill-EUR [45-75] miljun allokati fil-kont kummerċjali), jindikaw li l-ONDD ikkunsidra diversi xenarji ta' **tkabbir** ta' attivitajiet għal SA Ducroire futura. Il-ħtieġa ta' kapital ta' EUR 150 miljun kienet għalhekk iddeterminata abbażi ta' suppożizzjonijiet ta' **tkabbir** futur tal-attivitajiet ta' SA Ducroire. Minn dan wieħed jista' jikkonkludi li l-approċċ tal-awtoritajiet Belġjani huwa ekwivalenti għall-esklużjoni mill-analiżi tal-eżistenza ta' vantaġġ tal-kapital kollu li wieħed kien iqis li teħtieġ l-entità l-ġdida biex issostni l-iżvilupp futur tagħha. Dan l-approċċ ma jistax jiġi aċċettat. Il-kapital biss, li minnu kienu diġà jibbenefikaw formalment l-attivitajiet trasferiti fi ħdan l-entità ġuridika eżistenti (attivitajiet ta' assigurazzjoni għal żmien qasir fi ħdan l-ONDD), ma jikkostitwixxix vantaġġ ġdid peress li preċiżament l-attivitajiet inkwistjoni kienu diġà qegħdin jibbenefikaw minnu. Bil-maqlub, kull kapital addizzjonali jikkostitwixxi vantaġġ ġdid peress li l-attività inkwistjoni ma kinitx tgawdi minn dan il-kapital qabel it-trasferiment. Id-deċiżjoni li tinħoloq SA Ducroire u li tiġi allokata kapital ta' EUR 150 miljun ma tistax għalhekk titqies bħala sempliċi tibdil tal-forma ġuridika ta' attività eżistenti b'sempliċi trasferiment tal-kapital allokat għall-attività trasferita. Għalhekk, l-affermazzjoni tal-awtoritajiet Belġjani li mill-2004 wieħed seta' jbassar diġà li SA Ducroire kienet ser teħtieġ kapital ta' EUR 150 miljun fl-2009 fuq il-bażi tat-tkabbir mistenni mill-attivitajiet tagħha hija irrilevanti. L-awtoritajiet Belġjani bl-ebda mod ma juru li dan il-kapital ta' EUR 150 miljun kien diġà allokat għall-attivitajiet fuq żmien qasir fi ħdan l-ONDD qabel it-trasferiment tagħhom lil SA Ducroire u li dan il-kapital ta' EUR 150 miljun ma jinkludix għalhekk vantaġġ ġdid għal dawn l-attivitajiet.

([43]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 10.
([44]) Ara l-Anness 4 għall-kummenti tal-awtoritajiet Belġjani tal-1 ta' Ġunju 2011.
([45]) Ara l-paġni 62 u 70 tal-imsemmija nota (sottomessa fl-Anness 8 għall-kummenti tal-awtoritajiet Belġjani tal-1 ta' Ġunju 2011).

(114) It-tieni nett, anki jekk il-kapital meħtieġ għall-appoġġ tat-tkabbir mistenni mill-attivitajiet kien kriterju rilevanti għal din l-analiżi (li l-Kummissjoni tiddubita), il-Kummissjoni tinnota dan li ġej:

(a) l-ewwel nett, il-projezzjonijiet finanzjarji eżistenti fl-2004 kienu jkopru biss il-perjodu 2005-2007. Għalhekk, anki jekk il-kapital meħtieġ għall-appoġġ tat-tkabbir tal-attivitajiet kien kriterju rilevanti għal din l-analiżi (li l-Kummissjoni tiddubita), ma jistax jiġi aċċettat li jkun ibbażat fuq il-livell mistenni ta' attività fl-2009 peress li dan il-livell ta' attività lanqas biss kien ġie stmat fl-2004.

(b) it-tieni, il-metodoloġija tad-Direttiva Solvenza II flimkien ma' mudell intern għar-riskji politiċi, proposta mill-Belġju sabiex jistma l-kapital meħtieġ ma tistax tiġi aċċettata. Fil-fatt dan il-metodu ma kienx jidher fin-noti interni tal-2004 li fuqhom il-Bord tad-Diretturi tal-ONDD tal-20 ta' April 2004 ibbaża sabiex jiddeċiedi dwar il-ħolqien ta' SA Ducroire u dwar il-kapital li għandu jallokalha peress li dan il-metodu ma kienx għadu jeżisti dak iż-żmien (id-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu hija biss prevista għall-1 ta' Jannar 2014). Dan ġie applikat mill-ONDD għall-ewwel darba fl-2011 u għadu qed jiġi żviluppat. Għaldaqstant, il-mudell intern għar-riskji politiċi għadu ma ġiex ivvalidat mir-regolatur tal-assigurazzjoni Belġjan, għall-kuntrarju tar-rekwiżiti tad-Direttiva Solvenza II ([46]). L-użu ta' metodoloġija li ma kinitx teżisti fl-2004, bħas-Solvenza II, li għaliha sal-lum għadhom ma ġewx iffinalizzati diversi parametri ta' kalkolu kif ukoll skeda ta' implimentazzjoni (għadhom fl-istadju tal-QIS) mhuwiex xieraq. Li jiġi kkunsidrat li l-kapital ekonomiku meħtieġ għal SA Ducroire fil-ħolqien tagħha fl-2005 sabiex tkompli l-attività eżistenti minn qabel fi ħdan l-ONDD għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tar-rekwiżiti tad-Direttiva Solvenza II li lanqas biss kienu jeżistu dak iż-żmien u li għalihom ir-regolaturi kienu fi kwalunkwe każ jipprovdu skema ta' tranżizzjoni jidher eċċessiv. Barra minn hekk, li wieħed jikkonkludi mod ieħor jikkontradixxi l-validazzjoni tal-livell ta' kapital (marġini ta' solvenza) ([47]) tal-kont kummerċjali (EUR [45-70] miljun) mir-regolatur li dak iż-żmien kien ikkunsidra dan il-kapital bħala suffiċjenti fir-rigward tar-regoli prudenzjali fis-seħħ.

(115) Il-Bord tad-Diretturi tal-ONDD tal-20 ta' April 2004 ibbaża ruħu fuq metodu ieħor sabiex jistabbilixxi l-kapital meħtieġ għal SA Ducroire, jiġifieri l-proporzjon ta' Cooke, filwaqt li kkunsidra l-ħtieġa li jagħti lil SA Ducroire kredibbiltà suffiċjenti fil-konfront tal-kompetituri tagħha. Fil-fatt, il-proporzjon magħżul fil-kalkoli mhuwiex ta' 8 % kif preskritt mir-regoli ta' Basel I iżda ta' 10 %. Għalhekk, il-kalkoli tal-ħtieġa ta' kapital magħmula fl-2004 kienu jinkludu bafer ta' sigurtà ta' 2 %. Għandu jiġi nnutat li l-kapital stabbilit b'dan il-mod għal tmiem is-sena 2004 kien jammonta għal EUR 66 miljun ([48]) u għaldaqstant huwa ferm inqas mill-EUR 150 miljun ta' kapital sottoskritt.

(116) Rigward l-użu tal-proporzjon ta' Cooke biex ikun stabbilit il-kapital meħtieġ, il-Kummissjoni kkritikat, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, ir-rilevanza tal-applikazzjoni tar-regoli bankarji (bħall-proporzjon ta' Cooke) għall-assiguraturi tal-kreditu, fid-dawl tal-bosta differenzi bejn ir-riskji li jieħdu l-assiguraturi tal-kreditu u dawk li jieħdu l-banek (ara l-premessa (90) tad-deċiżjoni tal-ftuħ). F'dan ir-rigward, il-Belġju ma ġabx evidenza li r-regoli ta' Basel (il-proporzjon ta' Cooke) — li, fil-liġi, japplikaw **esklussivament** għas-settur bankarju — huma fil-prattika applikati mill-korpi tal-assigurazzjoni tal-kreditu jew rakkomandati mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni jew mill-istanzi tas-sorveljanza tal-assigurazzjonijiet.

(117) F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Liġi tal-1939 dwar l-ONDD, l-awtoritajiet Belġjani ikkonfermaw li din il-liġi ma tapplikax għal SA Ducroire. Barra minn hekk, dan l-Artikolu jirrigwarda biss lill-attivitajiet proprji tal-ONDD bil-garanzija tal-Istat kif ukoll dawk f'isem l-Istat.

(118) Għalkemm il-Belġju jirreferi għall-metodu ta' Standard & Poor's, li kien jeżisti f'dak iż-żmien biex jistabbilixxi l-ħtiġijiet ta' kapital tal-assiguraturi tal-kreditu, għandu jiġi nnutat li l-awtoritajiet Belġjani ma ssottomettew l-ebda stima ta' kapital skont dan il-metodu. Barra minn hekk dan ma ntużax mill-ONDD fl-2004.

([46]) Ir-rapport Solvency 2 QIS 5 tas-CBFA (Marzu 2011) jindika fil-paġna 17 li ftit parteċipanti kienu kapaċi jipprovdu informazzjoni dwar l-użu tagħhom u l-karatteristiċi tal-mudelli interni u dan, peress li dawn il-mudelli għadhom qegħdin jiġu żviluppati. Barra minn hekk is-CBFA iddeċidiet li ma tikkonkludi xejn f'dan l-istadju. Dikjarazzjonijiet bħal dawn jissuġġerixxu li anki kumpaniji privati tal-assigurazzjoni għad għandhom diffikultà, sal-lum, sabiex jipproduċu mudelli interni għall-kalkolu tal-kapital sabiex ikopru ċerti riskji.

([47]) Ara l-paġni 11 u 13-16 tal-Anness 4 għall-kummenti tal-awtoritajiet Belġjani tal-1 ta' Ġunju 2011.

([48]) Ikkalkulat skont il-metodu wżat fl-2004 fuq il-bażi tal-impenji netti pproġettati għal tmiem l-2004. Id-dejta wżata għall-kalkolu tidher fil-paġna 16 tal-Anness 13 għall-kummenti tal-awtoritajiet Belġjani tal-1 ta' Ġunju 2011).

(119) B'konklużjoni, anki jekk wieħed jassumi li l-kapital meħtieġ għall-appoġġ tat-tkabbir mistenni tal-attivitajiet ta' SA Ducroire huwa kriterju rilevanti għal din l-analiżi (li l-Kummissjoni tiddubita), l-awtoritajiet Belġjani ma ġabu l-ebda prova li turi b'mod konvinċenti li l-ħtieġa f'kapital relatat mar-riskji għal żmien qasir u trasferit f'SA Ducroire kellha tkun akbar mill-kapital eżistenti fuq il-kont kummerċjali tal-ONDD fl-aħħar tal-2004.

(120) F'din it-taqsima, il-Kummissjoni wriet li kien jeħtieġ li tiċħad id-dikjarazzjoni tal-awtoritajiet Belġjani li l-allokazzjoni ta' kapital inizjali ta' EUR 150 miljun lil SA Ducroire fl-2004 hija biss it-trasferiment tal-kapital li kien diġà ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji għal żmien qasir fi ħdan l-ONDD. Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-fatt li l-kapital li kien diġà ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji għal żmien qasir fi ħdan l-ONDD qabel it-trasferiment ta' din l-attività lil SA Ducroire kien jammonta għal EUR [45-75] miljun u li għalhekk kien jeżisti kapital addizzjonali ta' EUR [75-100] miljun għal din l-attività.

(121) Issa jeħtieġ li tiġi eżaminata l-applikazzjoni taż-żewġ kriterji ta' esklużjoni deskritti fid-deċiżjoni tal-ftuħ. L-ewwel ser ikun żviluppat it-tieni kriterju ta' esklużjoni, imbagħad l-ewwel wieħed.

Il-parti tal-kapital li kienet diġà ta' benefiċċju, fi ħdan l-ONDD, għar-riskji kummerċjabbli, u sempliċement trasferita lil SA Ducroire mal-attivitajiet korrispondenti (it-tieni kriterju ta' esklużjoni deskritt fid-deċiżjoni tal-ftuħ)

(122) Fil-premessa (111), il-Kummissjoni kkonkludiet li, fi ħdan l-ONDD, kapital ta' EUR [45-75] miljun kien allokat għall-attività relatata mar-riskji għal żmien qasir fil-31 ta' Diċembru 2004. Biex jiġi applikat it-tieni kriterju ta' esklużjoni, jeħtieġ għalhekk li tiġi stmata fuq il-EUR [45-75] miljun allokati għall-attività tar-riskju għal żmien qasir fl-aħħar tal-2004, il-parti tal-kapital relatata mar-riskji kummerċjabbli ([49]). Kif deskritt qabel, dawn ir-riskji kummerċjabbli kienu esklussivament magħmula minn riskji assoċjati ma' debituri li jinsabu fl-għaxar Stati li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea f'Mejju 2004.

(123) Kif intqal ukoll qabel, il-kont kummerċjali li kien igawdi minn kapital ta' EUR [45-75] miljun fl-aħħar tal-2004 ma kienx fih kontijiet separati li jgħinu biex jiġi identifikat eżattament il-kapital li kien ta' benefiċċju biss għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli. Għalhekk jeħtieġ li jiġi stmat is-sehem mill-EUR [45-75] miljun li wieħed jista' raġonevolment jikkunsidra li kien ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli.

(124) Skont l-informazzjoni sottomessa lir-regolatur fl-2004, l-ammonti tal-impenji netti kienu ta' EUR 141,6 miljun għar-riskji relatati mal-għaxar Stati Membri ġodda u ta' EUR 661,4 miljun għall-poloz esportaturi kollha għal żmien qasir fl-aħħar tal-2004 ([50]). Abbażi ta' tqassim tal-EUR [45-75] miljun *pro rata* fuq il-bażi tal-impenji netti, EUR **[10-25] miljun** jistgħu għalhekk ikunu kkunsidrati li jikkostitiwixxu l-kapital marbut mar-riskji relatati mal-għaxar Stati msieħba ġodda qabel it-trasferiment tagħhom mill-kont kummerċjali tal-ONDD għal SA Ducroire.

(125) Il-Kummissjoni tinnota li tali tqassim tal-kapital skont l-impenji netti hija konsistenti mal-approċċ segwit mill-ONDD stess fl-2004 ([51]).

([49]) Kif huwa spjegat fil-premessa (140), preżentazzjoni alternattiva tkun tikkonsisti fl-esklużjoni tal-ammont kollu ta' EUR [45-75] miljun. Madankollu, biex ikun jista' jiġi kkalkulat il-porzjon tal-kapital li kien ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli fil-kapital addizzjonali ta' EUR [75-100] miljun, jeħtieġ li l-kapital eżistenti minn qabel jinqasam bejn ir-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli. Dan huwa dovut għall-fatt li s-separazzjoni tal-kapital li huwa ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli ssir fuq il-kapital kollu (ara t-Tabella 2 u l-premessa (135)).

([50]) Il-figuri nkisbu bl-immultiplikar tal-impenji ta' tmiem tal-2004 bir-rata ta' ritensjoni (jew 100 % mingħajr ir-rata ta' bejgħ ta' riassigurazzjoni). Id-dejta ġejja mill-Anness 13 "*Pjan finanzjarju 2005, 2006 u 2007 ippreżentat lis-CBFA*" għad-dokument ippreżentat mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011, "*Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011*".

([51]) Kif indikat qabel, il-metodu wżat mill-ONDD fl-2004 sabiex jistma l-ħtiġijiet ta' kapital ta' SA Ducroire kien ibbażat fuq l-ammont tal-impenji netti mmultiplikat b'ċertu persentaġġ (il-proporzjon ta' Cooke). Meta l-ONDD applika dan il-metodu, ma għamel l-ebda distinzjoni bejn l-impenji netti relatati mar-riskji marbuta ma' debituri li jinsabu fl-għaxar pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004 u l-impenji netti relatati mar-riskji l-oħrajn mhux kummerċjabbli. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu għall-*pro rata* fuq il-bażi tal-impenji netti (wara t-trasferiment) hija konsistenti mal-approċċ segwit mill-ONDD.

(126) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-awtoritajiet Belġjani u l-ONDD/SA Ducroire konsistentement iddikjaraw matul il-proċedura li r-riskji mhux kummerċjabbli kienu jeħtieġu, għal ammont assigurat speċifiku, aktar kapital mir-riskji kummerċjabbli. Għaldaqstant, l-ammont ta' EUR **[10-25]** miljun jikkostitwixxi pjuttost limitu massimu milli minimu. Il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu raġonevoli li żżomm din iċ-ċifra għaliex hija konsistenti mal-approċċ segwit mill-ONDD stess fl-2004.

(127) Il-Kummissjoni tikkonkludi minn dan li, fuq l-ammont ta' kapital inizjali ta' EUR 150 miljun, wieħed jista' jqis li l-ammont ta' EUR **[10-25]** miljun ma jikkostitwixxix vantaġġ għall-attività tar-riskji kummerċjabbli, peress li kien diġà ta' benefiċċju għal din l-attività fi ħdan l-ONDD ([52]). F'dan il-każ hija biss kwistjoni ta' tibdil fil-forma ġuridika tal-istess attività ekonomika u tal-kapital li minnu kienet tibbenefika. It-trasferiment lil SA Ducroire ta' dan il-kapital mal-attività inkwistjoni għaldaqstant mhuwiex għajnuna.

(128) B'analoġija, jeħtieġ li wieħed japplika l-istess raġunament għall-ammont tal-kapital relatat mar-riskji marbuta ma' debituri li jinsabu fir-Rumanija u fil-Bulgarija. Fil-fatt, fl-2007, kien hemm klassifikazzjoni mill-ġdid tar-riskji mhux kummerċjabbli marbuta ma' debituri li jinsabu fir-Rumanija u fil-Bulgarija lejn il-kategorija tar-riskji kummerċjabbli, minħabba s-sħubija ta' dawn l-Istati fl-Unjoni Ewropea. Il-kapital li kien diġà ta' benefiċċju għal dawn ir-riskji meta ma kinux kummerċjabbli ma jistax jikkostitwixxi vantaġġ ġdid mis-sempliċi fatt li dawn ir-riskji saru kummerċjabbli wara. Jeħtieġ għalhekk li anki dan il-kapital jiġi eskluż mill-kwalifika ta' għajnuna.

(129) Għalhekk, il-kapital relatat mar-riskji mhux kummerċjabbli li saru kummerċjabbli huwa eskluż mill-analiżi tal-eżistenza ta' vantaġġ. Fil-kummenti tagħhom tas-16 ta' Mejju 2012, l-awtoritajiet Belġjani stmaw il-kapital relatat mar-riskji marbuta ma' debituri li jinsabu fir-Rumanija u fil-Bulgarija għal EUR [0-2] miljun billi ssopponew li dawn ir-riskji kienu kummerċjabbli fl-2005. Għall-kuntrarju, huma ma pprovdewx stima tal-kapital assoċjat ma' dawn ir-riskji fil-31 ta' Diċembru 2006. Peress li r-riskji inkwistjoni ma kinux partikolarment kummerċjabbli fl-2005, l-istima tal-awtoritajiet Belġjani tal-kapital allokat għal dawn ir-riskji tista tkun sottovalutata. Il-kontijiet separati maħluqa mill-ġdid retrospettivament mill-ONDD bħala parti minn din il-proċedura (il-kummenti tas-16 ta' Mejju 2012), juru li l-kapital allokat għar-riskji mhux kummerċjabbli jonqos b'EUR [0-5] miljun fl-2007 meta mqabbel mal-2006. Dan it-tnaqqis huwa spjegat mit-tibdil tal-kwalifika tar-riskji marbuta mar-Rumanija u mal-Bulgarija (ikkunsidrati bħala riskji kummerċjabbli mill-2007), iżda wkoll minn fatturi oħrajn, bħat-tibdil ta' politika ta' riassigurazzjoni. Abbażi tal-evidenza kollha disponibbli, wieħed jista' raġonevolment jikkunsidra li l-kapital li minnu r-riskji marbuta mal-Bulgarija u mar-Rumanija kienu jibbenefikaw qabel ma saru kumerċjabbli kien jammonta għal EUR [0-5] miljun.

(130) Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni tikkonkludi li ammont ta' EUR **[10-25]** miljun kien diġà ta' benefiċċju għar-riskji kummerċjabbli qabel l-1 ta' Jannar 2005 u li t-trasferiment ta' dan il-kapital mal-attivitajiet inkwistjoni ma jistax għalhekk jikkostitwixxi vantaġġ. Bl-istess mod, ammont ta' EUR [0-5] miljun kien diġà ta' benefiċċju għar-riskji li saru kummerċjabbli fl-1 ta' Jannar 2007 (Rumanija u Bulgarija) qabel ma saru kummerċjabbli.

Il-parti tal-kapital li tappoġġja l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli (l-ewwel kriterju ta' esklużjoni deskritt fid-deċiżjoni tal-ftuħ)

(131) Kif kien deskritt qabel, kapital ta' EUR [45-75] miljun kien diġà ta' benefiċċju għar-riskji għal żmien qasir qabel it-trasferiment tagħhom lill-ONDD (ara l-premessa (120)). Minn fost dawn il-EUR [45-75] miljun, kien konklużż qabel li wieħed jista' raġonevolment jistma s-sehem tar-riskji kummerċjabbli għal EUR **[10-25] miljun**. Għalhekk, wieħed jista' raġonevolment jistma s-sehem tar-riskji mhux kummerċjabbli għal EUR [35-50] miljun (li minnhom EUR [0-5] miljun, relatati mar-riskji marbuta mal-Bulgarija u mar-Rumanija, saru kummerċjabbli fl-2007).

(132) Għall-istess raġunijiet bħal dawk spjegati fil-premessa (127), peress li t-trasferiment tal-EUR [45-75] miljun kollu (inkluż is-sehem tar-riskji mhux kummerċjabbli stmat għal EUR [35-50] miljun) mhuwiex vantaġġ, dan tal-aħħar huwa eskluż mill-analiżi tal-eżistenza ta' għajnuna.

(133) Bħala konklużjoni, fuq il-kapital inizjali ta' EUR 150 miljun allokat lil SA Ducroire, EUR [75-100] miljun biss jikkostitwixxu kapital addizzjonali, jiġifieri kapital ġdid. L-għoti ta' dawn il-EUR [75-100] miljun biss jista' għalhekk ikun ta' vantaġġ (ara l-premessa (120)).

([52]) Kif jirriżulta mit-Tabella 1 u l-premessi (96)-(98), dan il-kapital kien ta' benefiċċju biss għar-riskji marbuta ma' debituri stabbiliti fl-għaxar pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 u riskji oħrajn fil-prattika kkunsidrati bħala riskji mhux kummerċjabbli.

(134) Bħalma huwa mfakkar fil-premessa (65) tad-deċiżjoni tal-ftuħ, l-Istati Membri huma liberi li jappoġġjaw l-attività ta' assigurazzjoni ta' riskji mhux kummerċjabbli, minħabba li l-Kummissjoni tikkunsidra li ma jeżisti l-ebda suq għal dawn ir-riskji. Għalhekk ma jistax ikun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' assiguraturi oħrajn. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li ma kien hemm l-ebda separazzjoni tal-kontijiet bejn l-attività tar-riskji kummerċjabbli u dik tar-riskji mhux kummerċjabbli fi ħdan SA Ducroire. **Formalment, l-ebda kapital ma kien allokat għall-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli**. L-ebda parti tal-kapital ta' EUR 150 miljun ma ġiet imwarrba biex tiffinanzja l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli. Għalhekk, approċċ purament formali jista' jwassal biex ma tiġi eskluża l-ebda parti tal-kapital addizzjonali ta' EUR [75-100] miljun. Tali approċċ ikun ferm aktar iġġustifikat minħabba li l-obbligu li jiġu introdotti kontijiet separati huwa espressament previst fil-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu li kienet fis-seħħ mill-1998. Madankollu, huwa ċar li parti kbira mill-attivitajiet ta' SA Ducroire tirrigwarda l-assigurazzjoni tar-riskji mhux kummerċjabbli. SA Ducroire ma kinitx tkun tista' tassigura dawn ir-riskji mingħajr kapital adegwat. Għaldaqstant, minbarra l-EUR [45-75] miljun (li minnhom EUR [35-50] miljun għar-riskji mhux kummerċjabbli), il-Kummissjoni tista' taċċetta li teskludi wkoll mill-kwalifika ta' għajnuna l-porzjon tal-kapital li jista' jintwera b'mod raġonevoli li ntuża għall-appoġġ tal-attività ta' assigurazzjoni tar-riskji mhux kummerċjabbli.

(135) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Belġju kien mistieden jiżviluppa metodu li jiddetermina l-porzjon tal-kapital ta' SA Ducroire li jista' jitqies li jappoġġja l-attività tar-riskji kummerċjabbli u dak li jappoġġja l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli. Wara din it-talba tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Belġjani ssottomettew għall-perjodu 2005-2011 karta tal-bilanċ u dikjarazzjoni tad-dħul separati għall-attività tar-riskji kummerċjabbli u dik tar-riskji mhux kummerċjabbli. Il-karta tal-bilanċ tar-riskji mhux kummerċjabbli fil-31 ta' Diċembru 2011 tinkludi kapital ta' EUR [70-110] miljun u dak tar-riskji kummerċjabbli kapital ta' EUR **[40-80]** miljun. Għalkemm is-separazzjoni tal-kontijiet hija bbażata fuq ċerti suppożizzjonijiet jew informazzjoni parzjalment verifikabbli f'kuntest ta' rikostruzzjoni retrospettiva, il-Kummissjoni tqis il-livelli tal-kapital għall-attività tar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli fil-31 ta' Diċembru 2011 bħala raġonevoli.

(136) Il-Kummissjoni għalhekk taċċetta li teskludi mill-kwalifika ta' għajnuna EUR [70-110] miljun peress li *de facto* dawn jappoġġaw attività li mhijiex soġġetta għall-kompetizzjoni skont il-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu.

(137) Il-kapital li kien ta' benefiċċju għar-riskji għal żmien qasir mhux kummrċjabbli għaldaqstant tela' minn EUR [35-50] miljun fl-aħħar tal-2004 għal EUR [70-110] miljun fl-aħħar ta' Diċembru 2011, jiġifieri żieda ta' EUR [35-60] miljun. Billi l-ammont ta' EUR [35-50] miljun ta' kapital marbut mal-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli jinkludi EUR [0-5] miljun relatati mar-riskji marbuta mar-Rumanija u mal-Bulgarija, ikkwalifikati mill-ġdid bħala kummerċjabbli fl-2007, iż-żieda grossa tal-kapital li kien ta' benefiċċju għar-riskji mhux kummerċjbbli hija ta' EUR [35-65] miljun. Fi kliem ieħor, fuq il-kapital addizzjonali ta' EUR [75-100] miljun, EUR [35-65] miljun appoġġjaw *de facto* l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli.


Konklużjoni dwar l-applikazzjoni taż-żewġ kriterji ta' esklużjoni u dwar l-ammont tal-kapital supplimentari

(138) Ammont ta' EUR [70-110] miljun ġie eskluż mill-kwalifika ta' għajnuna peress li dan l-ammont seta' jitqies bħala appoġġ għall-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli fid-data tal-31 ta' Diċembru 2011 (l-ewwel kriterju ta' esklużjoni). Ammont ta' EUR **[10-25]** miljun kien ukoll eskluż mill-kwalifika ta' għajnuna peress li seta' jitqies li ma jikkostitwixxix vantaġġ billi kien diġà ta' benefiċċju għar-riskji kummerċjabbli qabel it-trasferiment ta' dawn ir-riskji lil SA Ducroire fil-31 ta' Diċembru 2004 (it-tieni kriterju ta' esklużjoni). Barra minn hekk, ammont ta' EUR [0-5] miljun għandu wkoll jiġi eskluż peress li kien diġà ta' benefiċċju għar-riskji marbuta mal-Bulgarija u mar-Rumanija qabel ma saru kummerċjabbli fl-1 ta' Jannar 2007.

(139) Bħala konklużjoni, EUR 36,6 miljun biss mill-allokazzjoni inizjali ta' kapital ta' EUR 150 miljun jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ u għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(140) Mod ieħor ta' kif jiġi ppreżentat ir-riżultat ta' EUR 36,6 miljun jikkonsisti fit-**tnaqqis, mill-kapital inizjali ta' EUR 150 miljun** mogħti lil SA Ducroire, (1) il-EUR [45-75] miljun li minnhom ir-riskji għal żmien qasir kienu jibbenefikaw diġà qabel it-trasferiment tagħhom lil SA Ducroire (inkluż iż-EUR [0-5] miljun marbuta mar-riskji relatati mad-debituri stabbiliti fir-Rumanija u fil-Bulgarija li saru kummerċjabbli fl-1 ta' Jannar 2007); u (2) il-EUR [35-65] miljun addizzjonali li kienu jappoġġjaw *de facto* lir-riskji mhux kummerċjabbli. B'hekk wieħed jikseb EUR **36,6 miljun**.

(141) Din l-analiżi tat-tqassim tal-kapital hija ppreżentata fil-grafika li ġejja:



(142) B'mod sussidjarju, il-Kummissjoni tinnota dan li ġej. L-awtoritajiet Belġjani jiddikjaraw li bl-eċċezzjoni ta' madwar EUR 7 sa 13-il miljun (ara t-Tabella 2), il-kapital kollu ta' EUR 150 miljun kien allokat b'mod impliċitu fl-2004 għar-riskji mhux kummerċjabbli. Fuq il-bażi ta' din l-ewwel dikjarazzjoni, il-Belġju jgħid li kien biss aktar tard (fl-2007 u fl-2008), li parti mill-kapital inizjalment allokat għar-riskji mhux kummerċjabbli ġiet trasferita lejn ir-riskji kummerċjabbli. Il-Belġju jgħid imbagħad li dawn it-trasferimenti ta' kapital biss setgħu jikkostitwixxu għajnuna u li l-kriterju tal-investitur privat għandu jkun applikat għal dawn l-ammonti *meta saru t-trasferimenti interni tagħhom* u mhux meta saret l-allokazzjoni inizjali ta' kapital fl-2004. Dan ir-raġunament ma jistax jiġi aċċettat.

(143) Fil-fatt, meta nħolqot SA Ducroire u fis-snin ta' wara, il-kapital ta' EUR 150 miljun qatt ma ġie formalment allokat għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli u għal dik relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli rispettivament. Dan il-kapital seta' jintuża liberament sabiex jappoġġja l-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli jew dik relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli (fi proporzjonijiet mhux definiti) skont l-okkażjonijiet tas-suq u l-għażliet strateġiċi ta' SA Ducroire. L-allokazzjoni ta' kapital bejn l-attività tar-riskji kummerċjabbli u dik tar-riskji mhux kummerċjabbli nħolqot biss mill-ġdid retroattivament taħt din il-proċedura. Id-dokumenti tal-2004, kif sottomessi mill-awtoritajiet Belġjani, ma kinux jippreżentaw allokazzjoni tal-kapital bejn id-diversi attivitajiet. Għalhekk il-Kummissjoni ma tistax taċċetta li teskludi mill-analiżi tal-eżistenza ta' għajnuna parti mill-EUR [75-100] miljun ta' kapital addizzjonali ta' SA Ducroire abbażi biss tal-fatt li f'dan iż-żmien dan l-ammont seta' jservi bħala appoġġ għall-attività ta' riskji mhux kummerċjabbli. Kif indikat qabel, il-parti tal-kapital addizzjonali ta' EUR [75-100] miljun biss li jista' jintwera li effettivament appoġġjat l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli tista' tkun eskluża mill-analiżi tal-eżistenza ta' għajnuna.

(144) B'mod għal kollox sussidjarju, il-Kummissjoni tinnota li, anki jekk wieħed kellu jaċċetta l-argument tal-Belġju li parti mill-kapital inizjali ta' SA Ducroire kienet assenjata għar-riskji mhux kummerċjabbli u allura ma setgħetx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, dan l-argument japplika biss għall-ammont ta' EUR 36,6 miljun kieku l-Belġju rnexxielu juri li l-kapital allokat għar-riskji mhux kummerċjabbli kien akbar minn EUR [70-110] miljun. (Fil-fatt, biex jiġu kkalkulati s-EUR 36,6 miljun, ammont ta' EUR [70-110] miljun li jappoġġja l-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli diġà tnaqqas mill-EUR 150 miljun). Madankollu, huwa ovvju li dan l-ammont qatt ma ġie allokat għar-riskji mhux kummerċjabbli fl-2004 peress li d-dokumenti interni jindikaw li kapital ta' EUR 100 miljun kien biżżejjed sabiex ikopri r-riskji kollha għal żmien qasir (mhux kummerċjabbli u kummerċjabbli) sal-2007.

L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq

(145) Skont ġurisprudenza kostanti, biex ikun stabbilit li miżura tipprovdi vantaġġ ekonomiku, jeħtieġ li jkun iddeterminat jekk, f'ċirkostanzi simili, investitur privat f'ekonomija tas-suq ta' daqs komparabbli għal dik tal-kumpanija kkonċernata kienx jagħmel injezzjoni ta' kapital tal-istess kobor ([53]), partikolarment fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli u l-iżviluppi prevedibbli fi żmien dan l-investiment.

(146) F'dan il-każ, hija kwistjoni li jiġi analizzat jekk il-kapital supplimentari ta' EUR 36,6 miljun mogħti fl-2004 kienx jippreżenta redditu suffiċjenti sabiex jikkonvinċi investitur privat f'ekonomija tas-suq. Madankollu, ir-redditu ta' dan il-kapital supplimentari ma jistax jiġi analizzat b'mod separat mill-kapital kollu peress li dan il-kapital supplimentari huwa r-riżultat ta' diviżjoni artifiċjali tal-kapital ta' EUR 150 miljun sottoskritt fl-2004. L-ebda fluss ta' dħul definit ma jista' jkun identifikat bħala li ġej minn dawn is-EUR 36,6 miljun. Fi kliem ieħor, ir-redditu ta' attività speċifika ma kienx assenjat għal dawn is-EUR 36,6 miljun, peress li ma kinux jeżistu kontijiet separati. Il-Kummissjoni tqis għalhekk li sabiex tapplika b'mod korrett il-kriterju tal-investitur privat, jeħtieġ li tivverifika li l-kapital ta' EUR 150 miljun kollu kien jippreżenta redditu mistenni suffiċjenti. Jekk dan mhux il-każ, wieħed ikollu jikkonkludi li s-EUR 36,6 miljun huma vantaġġ.

(147) B'mod għal kollox sussidjarju, possibbiltà oħra tkun li jiġi applikat metodu *pro rata* fuq id-dħul iġġenerat, li jagħti l-istess riżultat.

(148) Il-Kummissjoni lanqas ma tikkunsidra li jeħtieġ li tanalizza biss ir-redditu mill-kapital addizzjonali ta' EUR [75-100] miljun u teskludi l-EUR [45-75] miljun allokati għall-attività tar-riskji għal żmien qasir qabel it-trasferiment taħghom lil SA Ducroire. Fil-fatt, l-ONDD seta' jiddeċiedi li jwaqqaf l-attività tiegħu marbuta mar-riskji għal żmien qasir u jirkupra l-ammont ta' kapital allokat lil din l-attività f'dak iż-żmien, jiġifieri EUR [45-75] miljun ([54]). Dawn il-EUR [45-75] miljun ma jistgħux għalhekk jitqiesu bħala spiża mġarrba fil-passat u li ma tistax tiġi rkuprata ("spejjeż mitlufa").

(149) Fil-premessi li ġejjin, il-Kummissjoni sejra turi li r-redditu mistenni ta' EUR 150 miljun ma kienx suffiċjenti sabiex jikkonvinċi lil investitur privat jagħmel investiment bħal dan. B'mod sussidjarju, hija sejra turi li, anki jekk wieħed jikkunsidra li l-attività tar-riskji kummerċjabbli kienet tgawdi virtwalment minn kapital ta' EUR [45-65] miljun (EUR 36,6 miljun u EUR **[10-25]** miljun) u mill-benefiċċji mistennija marbuta ma' din l-attività speċifika, ir-redditu mistenni minn din l-attività kien ukoll insuffiċjenti.

(150) Il-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq għandu jkun applikat ***ex ante***. Huwa fil-mument li ngħatat l-injezzjoni ta' kapital li jeħtieġ li wieħed iqiegħed lilu nnifsu sabiex jivvaluta jekk investitur privat kienx huwa wkoll jagħmel tali injezzjoni. Fl-evalwazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, jeħtieġ li wieħed iżomm lura milli jikkunsidra żviluppi wara l-injezzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, il-konformità mal-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq tista' tintwera permezz ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante* li abbażi tiegħu ttieħdet id-deċiżjoni li jsir l-investiment ([55]). Skont ġurisprudenza reċenti ([56]), Stat Membru jista' biss jinvoka elementi oġġettivi u verifikabbli li jkun ikkunsidra, qabel jew fl-istess waqt tad-deċiżjoni li jinvesti. Tista' tkun meħtieġa, f'dan irrigward, evidenza li turi li din id-deċiżjoni hija bbażatat fuq valutazzjonijiet ekonomiċi komparabbli ma' dawk li

([53]) Is-Sentenza tat-3.10.1991, L-Italja v il-Kummissjoni, C 261/89, Ġabra 1991 p. I-4437, il-punt 8; is-Sentenza tal-14.9.1994, Spanja v il-Kummissjoni, fil-Każijiet konġunti C-278/92 sa C-280/92, Ġabra 1994 p. I-4013, il-punt 21; is-Sentenza tal-14.9.1994, Spanja v il-Kummissjoni, C-42/93, Ġabra 1994 p. I-4175, il-punt 13.

([54]) Bl-esklużjoni tal-ispejjeż limitati marbuta mal-waqfien ta' din l-attività, bħal […]. Id-daqs potenzjali ta' dawn l-ispejjeż aktarx li ma jaffettwax lill-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

([55]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/600/KE tal-10 ta' Novembru 1999 li tapprova b'mod kondizzjonali l-għajnuna mogħtija mill-Italja lill-banek pubbliċi Sqallin Banco di Sicilia u Sicilcassa (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 256, 10.10.2000, p.21), premessi 58 sa 61.
Ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2005 dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-"Landesbanken" Ġermaniżi, bħal NN 71/2005, HSH Nordbank (ĠU C 241, 6.10.2006, p. 12), u NN 72/2005, Bayern LB (ĠU C 242, 7.10.2006, p. 18).
Ara wkoll id-Deċiżjoni fil-Każ Shetland Shellfish (Deċiżjoni Kummissjoni 2006/226/KE, ĠU L 81, 18.3. 2006, p. 36), fejn il-Kummissjoni ma aċċettatx żewġ rapporti prodotti mill-awtorità pubblika tal-gżejjer Shetland bl-għan li jagħmlu investiment, li kien jinkludi rapport tal-introjtu provviżorju, karta tal-bilanċ provviżorja u tabella tat-tbassir tal-likwidità għas-snin 2000, 2001 u 2002. Ir-Renju Unit argumenta favur in-natura *ex ante* tal-istudji u n-natura "konservattiva u prudenti" tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati, iżda l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinux jitqiesu suffiċjenti minn investitur privat f'ekonomija tas-suq, minkejja l-ammonti relattivament żgħar inkwistjoni.

([56]) Is-Sentenza tal-5.6.2012, Il-Kummissjoni v EDF, C-124/10 P, Ġabra 2012 p. I-0000, il-punti 82-86 u 105.

investitur privat raġonevoli, li jsib ruħu f'sitwazzjoni komparabbli, kien jistabbilixxi qabel li jagħmel l-imsemmi investiment sabiex jiddetermina r-redditu futur tiegħu. Iżda, il-valutazzjonijiet ekonomiċi stabbiliti wara l-għoti tal-imsemmi vantaġġ, l-osservazzjoni retrospettiva tar-redditu effettiv tal-investiment magħmul jew tal-ġustifikazzjonijiet sussegwenti tal-għażla tal-metodu fil-fatt magħżul mhumiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li Stat Membru ħa d-deċiżjoni tal-investiment bħal azzjonist privat f'ekonomija tas-suq.

(151) Minħabba li ebda investitur privat ma kien involut fil-miżura inkwistjoni u li SA Ducroire mhijiex elenkata fil-Borża, il-parametru li għandu jiġi vvalidat huwa r-redditu mistenni mill-investiment, kif jista' jkun mistenni fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u tal-iżviluppi prevedibbli f'dak iż-żmien (kif jidher, fil-prinċipju, fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju definit mill-ONDD fl-2004). Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ([57]) u l-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni ([58]), il-fatt li l-injezzjoni ta' kapital tkun allegatament meħtieġa għall-insegwiment tal-attività tal-kumpanija jew għall-kapitalizzazzjoni adegwata tal-attività, skont ir-regoli prudenzjali jew l-istima tar-riskji mġarrba, ma jippermettix li wieħed jikkunsidra li l-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq huwa ssodisfat. Investitur privat f'kundizzjonijiet normali tas-suq ma jagħmilx din l-injezzjoni ta' kapital ħlief jekk ir-redditu mistenni jkun suffiċjenti, meta ssir din l-injezzjoni, minħabba l-informazzjoni disponibbli u l-iżviluppi prevedibbli f'dan il-mument speċifiku ([59]). Il-Kummissjoni tosserva għalhekk li l-argumenti mressqa mill-Belġju sabiex jiġġustifika li livell ta' kapital ta' EUR 150 miljun kien "meħtieġ" ekonomikament u/jew abbażi tar-regoli prudenzjali huma irrilevanti sabiex juru li dan l-investiment kien jippreżenta redditu suffiċjenti għal investitur tas-suq.

(152) L-awtoritajiet Belġjani jibbażaw l-analiżi tagħhom tar-redditu fuq il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tat-28 ta' Settembru 2004. Iżda l-ħolqien ta' SA Ducroire jġib id-data tat-23 ta' Settembru 2004. Madankollu fir-realtà bdiet biss l-attivitajiet ekonomiċi tagħha fl-1 ta' Jannar 2005, minħabba li l-portafoll tar-riskji għal żmien qasir baqa' jappartjeni għall-ONDD sal-31 ta' Diċembru 2004, id-data li fiha ġie trasferit. Għaldaqstant wieħed jista' jikkunsidra li sa ftit qabel din id-data, l-ONDD seta' jbiddel id-deċiżjoni tiegħu li jinvesti f'din l-attività billi ma jittrasferixxix ir-riskji inkwistjoni u jillikwida l-entità ġuridika li kienet għadha kemm inħolqot. Għalhekk huwa aċċettabbli li wieħed jikkunsidra l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-ONDD tat-28 ta' Settembru 2004, kif jitolbu l-awtoritajiet Belġjani.

(153) Jirriżulta min-noti u l-minuti tal-2004 li d-deċiżjoni tal-ONDD li tipprovdi lil SA Ducroire b'kapital ta' EUR 150 miljun kienet tissodisfa essenzjalment ir-rieda tal-ONDD li jipprovdi lis-sussidjarja tiegħu kapital inizjali meqjus "adegwat" għall-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha u għal […] — "kapital imħallas ta' EUR 100 miljun huwa biżżejjed biex titwettaq l-attività għal perjodu qasir ta' poloz globali esportaturi sal-2007 iżda dan għandu jiġi rivedut wara dan il-perjodu" ([60]), mingħajr ma attwalment u speċifikament jintwera li r-redditu futur mistenni kien suffiċjenti mill-perspettiva ta' investitur privat. F'termini ta' analiżi tar-redditu mistenni, jidher li riżultat pożittiv antiċipat għall-attivitajiet kollha fl-ewwel tliet snin biss kien biżżejjed biex jikkonvinċi lill-ONDD jagħmel l-investiment.

(154) Fil-fatt, skont il-projezzjonijiet tax-xenarju B tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tat-28 ta' Settembru 2004, l-ONDD kien qed jistenna ROE fuq l-attivitajiet kollha ta' 1,3 % sa 1,9 % għas-snin 2005, 2006 u 2007 skont ix-xenarju "dinamiku — tkabbir ta' 6 %" tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tat-28 ta' Settembru 2004 (l-ROE qabel iil-provvediment ta' ugwalizzazzjoni kien jammonta għal 2,8-4,3 %) (ara t-Tabella 4). Għandu jiġi nnutat li dan ir-redditu huwa kkalkulat abbażi ta' kapital ta' EUR 100 miljun mingħajr ma jitqiesu l-EUR 50 miljun mhux imħallsa, li jagħti riżultat ta' redditu akbar milli huwa fir-realtà. Ir-rata ta' redditu mistenni fil-projezzjonijiet finanzjarji tal-20 ta' April 2004 ma kinitx ogħla (ara t-Tabella 3).

(155) Fid-dawl ta' dak li ntqal, jidher li r-redditu mistenni tal-futura SA Ducroire ma kienx biżżejjed biex jikkonvinċi lil investitur privat f'ekonomija tas-suq jagħmel investiment bħal dan. Fil-fatt, ir-redditu mistenni kien inqas mir-rata

([57]) Ara, pereżempju, is-Sentenza "West LB" tas-6 ta' Marzu 2003 mogħtija fil-Każijiet konġunti T-228/99 u T-223/99, Westdeutsche Landesbank Girozentrale v il-Kummissjoni, Ġabra 2003, p. II-435, il-punt 255.

([58]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-ristrutturar tal-bank Dexia (Deċiżjoni tas-26 ta' Frar 2010 fil-Każ C 9/2009, ĠU L 274, 19 ta' Ottubru 2010, p.54, premessa 127) fejn il-Kummissjoni ma aċċettatx l-argument tal-Istati Membri kkonċernati li l-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq kellu jkun applikata b'mod inqas strett peress li l-entitajiet pubbliċi li rrikapitalizzaw lil Dexia kienu azzjonisti "storiċi" tal-bank.

([59]) Ara s-Sentenza tat-30 ta' April 1998 fil-Każ T-16/96, Cityflyer Express v il-Kummissjoni, ECR 1998, p. II-757, il-punt 76.

([60]) Ara l-paġna 28 tan-nota strateġika tat-28 ta' Settembru 2004 intitolata *"Linji gwida strateġiċi għall-ONDD u l-kumpanija b'responsabbiltà limitata tiegħu"* ippreżentata lill-Bord tad-Direttturi tal-ONDD fl-Anness 10 tad-dokument sottomess mill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Ġunju 2011 "Kummenti tal-Belġju dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Frar 2011".

mingħajr riskju (redditu tal-bonds tal-Istat Belġjan fit-tul) għall-ewwel tliet snin (ir-rata medja tal-bonds tal-Istat Belġjan fit-tul fl-2004 kienet ta' 4,15 % ([61])). Anki jekk wieħed jikkunsidra l-provvediment ta' ugwalizzazzjoni, ir-rata tar-redditu mistenni kienet biss tilħaq ir-rata mingħajr riskju.

(156) Investitur privat f'ekonomija tas-suq ma jaċċettax redditu daqstant baxx matul l-ewwel snin sakemm ma jkunx jista' raġonevolment jistenna kumpens ieħor permezz ta' qligħ ferm ogħla mill-medja tas-settur, b'mod li r-ritorn totali fuq l-investiment (wara l-applikazzjoni ta' rata ta' skont xierqa) ikun suffiċjenti ([62]).

(157) Madankollu, ma kien hemm l-ebda studju serju fl-2004 li fuqu wieħed seta' jistenna li dan ir-redditu inizjali baxx kien ser ikun ikkumpensat minn redditu ferm aktar ogħla fis-snin segwenti. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-projezzjonijiet finanzjarji disponibbli dak iż-żmien kienu juru ċerta linearità fil-prestazzjonijiet bejn l-2005 u l-2007, jew għall-inqas tkabbir bil-mod (ara t-Tabella 4), u għalhekk ma kien hemm xejn fuq xiex wieħed jassumi titjib rapidu tar-riżultati għas-snin ta' wara l-2007. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-ħolqien tas-sussidjarja SA Ducroire ma jistax jitqies bħala l-bidu ta' negozju ġdid peress li kien previst dak iż-żmien li hija għandha tkompli l-attivitajiet li qabel kienu jsiru mill-kumpanija prinċipali u l-assi u l-obbligazzjonijiet korrispondenti ġew sempliċement trasferiti mill-ONDD għal SA Ducroire għal dan l-iskop. Din il-konklużjoni hija bbażata wkoll fuq il-mod li bih tħejjew il-projezzjonijiet finanzjarji dak iż-żmien. Jirriżulta li fl-2004, l-ONDD, meta kien qed jagħmel il-projezzjonijiet finanzjarji tal-futura SA Ducroire, ibbaża ruħu fuq il-prestazzjonijiet tal-passat tal-attività inkwistjoni (riskji għal żmien qasir, inklużi r-riskji kummerċjabbli) fi ħdan l-ONDD. Is-suppożizzjonijiet f'termini ta' primjums u ta' spejjeż kienu bbażati l-aktar fuq il-medja tad-dejta finanzjarja storika tal-ħames snin preċedenti, ħlief għal ċerti aġġustamenti marbuta mal-bidliet fiċ-ċirkostanzi tas-suq, bħal pereżempju t-tnaqqis fuq primjums għar-riskji li saru kummerċjabbli fl-2004 wara s-shubija fl-Unjoni Ewropea tal-għaxar Stati Membri ġodda.

(158) Barra minn hekk, jirriżulta min-noti interni li kien previst li t-total tal-kapital imħallas ta' EUR 100 miljun ikun assorbit l-aktar mit-tkabbir progressiv tal-attivitajiet imwettqa mill-ONDD fil-passat u dan sal-aħħar tas-sena 2007 (ara l-premessa (61)). Dan kien għalhekk it-tkabbir organiku tal-attivitajiet eżistenti (ma kienet prevista l-ebda espansjoni lejn attivitajiet oħrajn aktar profittabbli fl-2004).

(159) F'dak li jirrigwarda l-kapital sottoskritt iżda mhux imħallas (ta' EUR 50 miljun), ma tħejja l-ebda proġett preċiż għall-użu ta' dan il-kapital f'dak iż-żmien u, għalhekk, ma saret l-ebda projezzjoni dwar ir-redditu mistenni minn dan il-kapital. Barra minn hekk la l-akkwist ta' KUP u lanqas b'mod aktar ġenerali strateġija ta' akkwisti ma ġiet ikkunsidrata meta ngħata l-kapital lil SA Ducroire.

(160) Wieħed għandu jinnota wkoll li l-projezzjonijiet għall-perjodu 2005-2014 saru *biss ex post*, wara li l-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Fil-fatt l-uniċi projezzjonijiet finanzjarji li saru *ex ante* mill-ONDD kienu limitati għal perjodu ta' tliet snin (l-ewwel tliet snin ta' attività tal-futura SA Ducroire, jiġifieri s-snin 2005, 2006 u 2007), perjodu relattivament qasir biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' investitur privat.

(161) Il-Kummissjoni tikkonkludi li r-redditu mistenni mill-kapital ma kienx suffiċjenti, u għalhekk is-EUR 36,6 miljun jikkostitwixxu vantaġġ favur l-attività tar-riskji kummerċjabbli ta' SA Ducroire.

(162) B'mod sussidjarju, il-Kummissjoni tanalizza fil-premessi li ġejjin ir-redditu mistenni mill-attività tar-riskji kummerċjabbli.

(163) Il-Kummissjoni tinnota li, skont l-Anness 9 għan-nota strateġika tat-28 ta' Settembru 2004, il-projezzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti mill-ONDD kienu jipprovdu **riżultat negattiv għall-attività ta' assigurazzjoni relatata mar-riskji kummerċjabbli (jiġifieri għall-pajjiżi b'riskji kummerċjabbli skont il-Komunikazzjoni dwar**

([61]) Sors Eurostat.

([62]) Fis-Sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar 1999 fil-Każijiet konġunti T-129/95, T-2/96 u T-97/96, Neue Maxhütte Stahlwerke GmbH u Lech-Stahlwerke GmbH v il-Kummissjoni, ECR 1999, p. II-17, il-punti 116 sa 121, il-Qorti ddikjarat li jekk, fis-settur privat, kumpanija ewlenija tista' tassumi t-telf tas-sussidjarja tagħha, jeħtieġ li teżisti possibbiltà suffiċjenti ta' ritorn tas-sussidjarja għar-redditu. Fil-fatt, investitur privat qatt ma jipprovdi kapital supplimentari wara snin ta' telf kontinwu jekk dan il-kontribut jiswielu aktar mil-likwidazzjoni tas-sussidjarja tiegħu.
Ara wkoll id-Deċiżjoni Banco di Sicilia u Sicilcassa imsemmija qabel, premessi 63 sa 66.

l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir) ([63]) għall-perjodu kollu pproġettat mill-2005 sal-2007 b'mod li l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli kienet tissussidja l-attività tar-riskji kummerċjabbli. Minn dan wieħed jiddeduċi, li l-istima tar-redditu tar-riskji kummerċjabbli kienet inqas minn dik stmata għall-attivatijiet kollha, li kienu huma stess insuffiċjenti għal investitur privat. Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li anki jekk tanalizza b'mod separat ir-redditu mistenni mill-attività tar-riskji kummerċjabbli fuq il-bażi tal-projezzjonijiet finanzjarji eżistenti fl-2004 ([64]), ikollha tikkonkludi li r-redditu mistenni kien negattiv, u għalhekk bla dubju insuffiċjenti sabiex jikkonvinċi investitur privat jagħmel investiment bħal dan.

(164) L-awtoritajiet Belġjani jsostnu, għar-raġunijiet imsemmija fil-premessa (74), li l-projezzjonijiet ta' Settembru 2004 ma għandhomx jiġu kkunsidrati għall-analiżi tar-redditu tal-attivitajiet kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli peress li "jagħtu riżultati assurdi". L-awtoritajiet Belġjani jgħidu li l-metodu, kif żviluppat fl-2011, biex jaqsam ir-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli jirrifletti aħjar ir-raġunament li investitur privat seta' jsegwi meta ttieħdet id-deċiżjoni fl-2004. L-awtoritajiet Belġjani qishom għalhekk qegħdin jissuġġerixxu ***a posteriori*** li l-projezzjonijiet tal-2004 għar-riskji kummerċjabbli ([65]) kienu bbażati fuq suppożizzjonijiet żbaljati. Fil-fatt, ir-rata ta' pretensjonijiet prevista kienet għolja iżda kostanti filwaqt li l-livell tal-primjums previst (li suppost kellhom iħallsu r-riskji), kien ferm imnaqqas. Minn dan kien jirriżulta proporzjon ta' telf ("Loss ratio") ta' 94 %. Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta tibdil retrospettiv tar-redditu ipproġettat ta' attività (ara l-premessa (150)). B'mod sussidjarju, il-Kummissjoni tinnota li dan l-argument tal-awtoritajiet Belġjani jerġa' jikkonferma li ma saritx analiżi serja sapparata tar-redditu mistenni għar-riskji kummerċjabbli u li għalhekk, għal applikazzjoni korretta tal-prova tal-investitur privat, jeħtieġ li jiġi analizzat ir-redditu tal-kapital kollu mogħti lil SA Ducroire.

(165) Il-Kummissjoni tinnota b'mod għal kollox sussidjarju li, anki kieku kellha tikkunsidra l-projezzjonijiet tar-riżultat tal-attività tar-riskji kummerċjabbli kif riveduti u ppreżentati mill-awtoritajiet Belġjani fl-2011 ([66]) — li l-Kummissjoni ma taċċettax peress li dawn ma kinux jeżistu fiż-żmien tal-investiment — u, tiddividi dan ir-riżultat bil-kapital relatat mar-riskji kummerċjabbli kif stmat mill-Kummissjoni (jiġifieri EUR [45-65] miljun), l-ROE stmat għall-2005-2007 jibqa' taħt ir-rata mingħajr riskju.

(166) L-istima tar-redditu mistenni, kif indikata fil-premessa preċedenti, hija bbażata fuq il-kapital kollu stmat relatat mar-riskji kummerċjabbli, inkluż **il-porzjon mhux imħallas tal-kapital**, għall-kuntrarju tal-kalkoli ta' redditu li saru mill-ONDD. L-argument tal-awtoritajiet Belġjani (ara l-premessa (79), li l-porzjon tal-kapital sottoskritt fl-2004 iżda mħallas fl-2009 ma għandux jiġi kkunsidrat fil-kalkoli tal-profittabbiltà stmata qabel l-2009 ma jistax jiġi aċċettat. Fil-fatt, għalkemm dan il-kapital ma tħallasx fl-2004, dan seta' jitħallas fi kwalunkwe ħin peress li kien ġie sottoskritt malli nħolqot SA Ducroire. Investitur privat f'ekonomija tas-suq jitlob għalhekk kumpens għar-riskji assoċjati ma' dan l-investiment, peress li jista' jitlef l-investiment kollu tiegħu jew parti minnu f'każ ta' falliment. Għaldaqstant il-kalkoli tal-awtoritajiet Belġjani ma jistgħux ikunu aċċettati.

(167) Madankollu, wieħed għandu jirrikonoxxi li dan l-investitur jista' jqiegħed l-ammont tal-kapital mhux imħallas li jikkorrispondi għall-investiment tiegħu, u dan sakemm ma jitħallasx il-kapital, f'investimenti mingħajr riskju, likwidi għal żmien qasir jew medju, u b'ħekk igawdi mir-rata ta' redditu applikabbli għal dan it-tip ta' investiment. Minn dan jirriżulta li tali investitur jistenna kumpens għal investiment f'kapital mhux imħallas li jikkorrispondi biss għall-primjum tar-riskju tal-kumpanija li qed jinvesti fiha (jiġifieri d-differenza bejn ir-rata ta' redditu mistenni ta' investiment f'kapital f'kumpanija simili u r-rata ta' redditu ta' investimenti mingħajr riskju likwidi għal żmien qasir sa medju) ([67]).

([63]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 24.
([64]) Jirriżulta mill-minuta tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-ONDD tal-20 ta' April 2004 li l-kontribuzzjoni rispettiva ta' kull settur ta' attività għar-riżultat globali ntalbet mill-Bord (ara p. 4 tal-Anness 9 għas-sottomissjoni tal-1 ta' Ġunju 2011).
([65]) B'mod partikolari għar-riskji marbuta mal-għaxar pajjiżi msieħba.
([66]) Għar-riskji kummerċjabbli, ir-rata ta' primjums żdiedet (minn 0,2 % fil-bidu għal 0,3 % tal-ammonti assigurati) biex b'ħekk id-dħul mill-assigurazzjoni għall-kumpanija żdied b'terz. Il-projezzjonijiet tal-pretensjonijiet min-naħa tagħhom tnaqqsu.
([67]) Wieħed jista' jsib analoġija għal dan it-tqassim ta' kumpens fid-deċiżjonijiet l-oħrajn tal-Kummissjoni li jirrigwardaw l-għajnuna mill-Istat. Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2009 fil-Każ NN 3/2009 "Amendments to the Public support measures to JSC Parex Banka", premessi 36-40, ĠU C 147, 27 ta' Ġunju 2009, p. 2. Għandu jiġi nnutat li l-primjum tar-riskju jiddependi mir-riskju tal-investiment.

(168) Għaldaqstant, ir-redditu mistenni minn investiment f'kapital, li jkun parzjalment imħallas, għandu jiġi stmat billi wieħed jikkunsidra l-kapital kollu sottoskritt, iżda bl-aġġustament tar-riżultat ta' rata ta' redditu mistenni għall-kapital mhux imħallas. Il-Kummissjoni simulat diversi xenarji fosthom il-każ l-aktar favorevoli għar-redditu mistenni, jiġifieri dak li jikkonsisti li taċċetta li, fuq il-EUR [45-65] miljun li kienu ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli, EUR **[10-25]** miljun biss tħallsu fl-2004 (jiġifieri l-kapital li kien diġà ta' benefiċċju għall-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD) u l-eċċess ta' EUR 36,6 miljun kien ikkunsidrat bħala kapital mhux imħallas u għalhekk kien jeħtieġ biss primjum ta' riskju. Din is-simulazzjoni saret biż-żieda, mar-redditu mistenni tal-attivitajiet kummerċjabbli, tad-dħul li jikkorrispondi għar-redditu ta' investiment mingħajr riskju għal żmien medju li jammonta għal EUR 36,6 miljun. B'mod aktar eżatt, mar-riżultat provviżorju tal-attivitajiet kummerċjabbli ([68]) jiżdied il-porzjon tal-kapital mhux imħallas immultiplikat bir-rata ta' redditu mistenni dak iż-żmien għal investimenti mingħajr riskju likwidi għal żmien medju ([69]). Wara dan l-ammont huwa diviż bil-kapital medju li huwa ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli. B'hekk, wieħed jikseb redditu azzjonarju medju ("return on average equity" jew "ROAE") stmat għall-investiment ta' madwar 4 % għall-2005-2007. Ir-redditu mistenni, ikkalkulat b'dan il-mod, bil-kemm jilħaq ir-rata medja tal-bonds tal-Istat Belġjan fit-tul fl-2004 (ara l-premessa (155)).

(169) Anki jekk wieħed juża rata ta' investiment ta' 3,5 %, kif jissuġġerixxi l-Belġju (ara l-premessa (80)), ir-redditu mistenni ma jinbidilx b'mod sinifikanti u ma jilħaqx l-ispiża tal-kapital stmata mill-Belġju nnifsu.

(170) Ir-redditu stmat (imsemmi fil-premessa (168)) jikkunsidra l-għotjiet għall-provvediment ta' ugwalizzazzjoni għall-kuntrarju ta' dak li jirrakkomandaw l-awtoritajiet Belġjani. Peress li l-kostituzzjoni ta' din id-dispożizzjoni, imposta mill-awtoritajiet prudenzjali Belġjani, għandha l-għan li tibbilanċja r-riżultati fiż-żmien u tkopri telf futur li jista' jirriżulta mill-attività futura, huwa aktar xieraq li jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tar-redditu. L-approċċ tal-Kummissjoni huwa konformi mal-approċċ tal-kontabilità, li jikkunsidra din id-dispożizzjoni bħala spiża li tnaqqas il-profitt. Anki kieku ma jiġix ikkunsidrat (bħala spiża fl-istima tal-profitt), ir-redditu mistenni ma jilħaqx l-ispiża tal-kapital stmat mill-awtoritajiet Belġjani nfushom (f'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ma tiddeċidix dwar il-validità tal-istima magħmula mill-awtoritajiet Belġjani tal-ispiża tal-kapital peress li r-raġunament spjegat f'din id-deċiżjoni ma jibbażax fuq din il-figura).

(171) Jidher għalhekk li anki jekk jintużaw l-elementi mressqa mill-awtoritajiet Belġjani — elementi li l-Kummissjoni tqis żbaljati — ir-redditu mistenni mill-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli kien insuffiċjenti sabiex jikkonvinċi investitur privat f'ekonomija tas-suq li jagħmel investiment bħal dan.

(172) B'mod sussidjarju, rigward il-metodu *rakkomandat* mill-awtoritajiet Belġjani, bħala parti mit-tweġiba tagħhom għat-talba ta' informazzjoni tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2007, biex jiġi stmat ir-redditu, jiġifieri l-proporzjon ROR, il-Kummissjoni tinnota li dan il-proporzjon ma ntużax fil-projezzjonijiet finanzjarji *ex ante* (il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju) tal-ONDD. Barra minn hekk, proporzjon bħal dan jenfasizza d-dħul tekniku fuq il-fatturat, ma jikkunsidrax il-kapital investit u ma jindikax ir-redditu meta mqabbel ma' dan tal-aħħar. Lanqas ma jikkunsidra r-riżultat tal-attivitajiet purament finanzjarji, li madankollu jagħmel parti mir-redditu tal-kontabilità u li jitqassam lill-azzjonisti. Investitur tal-ekwità (bħal azzjonist) ma kienx juża din ir-rata waħdanija — li ma tindikax ir-redditu tal-ekwità jew dak tal-ammonti investiti — sabiex jivvaluta r-redditu tal-investiment li jkun ħaseb li jagħmel.

(173) B'konklużjoni, is-EUR 36,6 miljun jikkostitwixxu vantaġġ mogħti mill-ONDD lil SA Ducroire fil-forma ta' kapital, li ma kinitx tikseb fuq is-suq bl-istess kundizzjonijiet.

V.1.2. **Kawżalità u riżorsi tal-Istat**

(174) L-allokazzjoni ta' kapital favur SA Ducroire hija deċiżjoni tal-ONDD imputabbli lill-Istat Belġjan peress li l-ONDD hija "istituzzjoni pubblika awtonoma" fis-sens tal-liġi pubblika Belġjana, imwaqqfa minn liġi organika tal-31 ta' Awwissu 1939. Il-membri tal-Bord tad-Diretturi tiegħu jinħatru (b'digriet deliberat fil-Kunsill tal-Ministri) u

([68]) Wara li ġie aġġustat 'il fuq ir-riżultat finanzjarju peress li l-kapital imħallas stmat relatat mar-riskji kummerċjabbli huwa xi ftit aktar ogħla minn dak stmat mill-awtoritajiet Belġjani (EUR [10-25] miljun b'paragun ma' EUR 9,8 miljun rispettivament).

([69]) Fil-benefiċċju tad-dubju, wieħed iqis li r-rata ta' redditu mistenni dak iż-żmien għal investimenti mingħajr riskju likwidi għal perjodu medju kien jikkorrispondi għall-medja tar-rati ta' redditu fl-2004, fuq is-suq sekondarju, tal-bonds tal-Istat li kien fadlilhom minn 4 sa 6 snin, jiġifieri 3,5 %.
Ara http://www.nbb.be/belgostat/GlobalDispatcher?TARGET=/TreeviewLinker&rowID=2685&prop=treeview&action=open&Lang=F#2685.

jistgħu jiċċaħdu mir-Re tal-Belġju (li jistabbilixxi wkoll il-ħlas u l-emolumenti tagħhom) fuq proposta, fil-parti l-kbira tagħhom, tal-Ministri federali responsabbli u tal-gvern reġjonali tat-tliet reġjuni tal-Belġju ([70]). Deskritti bħala "delegati ministerjali" il-membri tal-Bord tad-Diretturi maħtura fuq proposta tal-ministri responsabbli jistgħu, waqt id-deliberazzjonijiet tal-Bord tad-Diretturi, jissospendu d-deċiżjonijiet li huma jqisu kuntrarji għall-interessi tal-Istat. F'dan il-każ, id-delegat ministerjali li jkun issospenda d-deċiżjoni jirrapporta minnufih lill-ministru li tiegħu għandu l-mandat. Fl-aħħar nett, l-ONDD jibbenefika mill-garanzija tal-Istat Belġjan u jista' jintervjeni f'isem l-Istat Belġjan.

(175) Għaldaqstant l-Istat Belġjan, irrappreżentat fil-Bord tad-Diretturi tal-ONDD u nnotifikat dwar id-deċiżjonijiet li jittieħdu fih, kien direttament involut fil-miżura ta' allokazzjoni tal-kapital lil SA Ducroire mill-ONDD. L-awtoritajiet Belġjani ma kkontestawx l-imputabbiltà lill-Istat Belġjan tal-miżura ta' allokazzjoni ta' kapital.

(176) L-allokazzjoni ta' kapital lil SA Ducroire mill-ONDD, entità pubblika li l-imġiba tagħha hija imputabbli lill-Istat Belġjan, tikkostitwixxi għalhekk riżorsa tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 tat-TFUE.

V.1.3. **Selettività**

(177) L-allokazzjoni ta' kapital li seħħet fl-2004 hija selettiva peress li hija tibbenefika direttament u biss lil SA Ducroire.

V.1.4. **Distorsjoni tal-kompetizzjoni**

(178) Peress li l-ONDD alloka l-kapital inkwistjoni mingħajr ma stenna redditu suffiċjenti, SA Ducroire ibbenefikat minn vantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' korpi privati tal-assigurazzjoni tal-kreditu li l-azzjonisti tagħhom jistennew ritorn fuq l-investiment tagħhom li jkun daqs ir-ritorn fuq l-investiment li jistgħu jiksbu minn investimenti komparabbli.

(179) Fuq kollox, SA Ducroire ma kinitx tkun kapaċi tikseb kapital bħal dan fuq is-suq minħabba li r-redditu tal-investiment kien insuffiċjenti. Dan ifisser li, mingħajr il-kapital injettat mill-Istat permezz tal-ONDD, SA Ducroire ma kinitx tkun tista' testendi l-attivitajiet tagħha fuq is-suq kif fil-fatt għamlet.

(180) F'dan ir-rigward, il-punt 3.2 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu jispeċifika li l-injezzjonijiet ta' kapital mill-Istat mogħtija lil ċerti kumpaniji, u li jinvolvu element ta' għajnuna mill-Istat jekk dan tal-aħħar ma jaġixxix bħal investitur privat f'ekonomija tas-suq, joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni.

(181) B'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti, titjib fil-pożizzjoni kompetittiva ta' kumpanija wara għajnuna mill-Istat jikkostitwixxi ġeneralment il-prova ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-kumpaniji l-oħrajn li ma jkunux gawdew minn għajnuna simili ([71]).

(182) L-appoġġ mogħti mill-Istat lill-ONDD fil-forma ta' allokazzjoni ta' kapital favur ir-riskji kummerċjabbli għaldaqstant joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

V.1.5. **Effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri**

(183) SA Ducroire tinsab f'kompetizzjoni ma' kumpaniji oħrajn tal-Unjoni Ewropea fuq is-suq tal-assigurazzjoni tal-kreditu. Dan kien japplika wkoll għall-ONDD f'dak li jirrigwarda r-riskji kummerċjabbli qabel ma SA Ducroire laqgħet l-attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-kreditu mingħand l-ONDD għar-riskji għal żmien qasir, inklużi r-riskji kummerċjabbli.

(184) Barra minn hekk, l-ONDD u SA Ducroire huma attivi fl-Istati Membri l-oħrajn, l-aktar permezz tal-akkwist ta' KUP, il-fergħa kummerċjali tal-aġenzija nazzjonali Ċeka ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni.

([70]) Ir-Reġjuni ta' Brussell-Kapitali, Fjandra u l-Vallonja.
([71]) Is-Sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Settembru 1980, *Philip Morris* (C-730/79, Ġabra 1980, p. 2671), il-punti 11 u 12.

(185) Il-punt 3.2 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu jindika li meta l-Istat jagħti lil xi korp tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, f'dak li jirrigwarda r-riskji kummerċjabbli, garanzija jew kapital mingħajr ma jaġixxi bħalma jagħmel investitur privat f'ekonomija tas-suq, tali garanzija jew tali injezzjoni ta' kapital tikkostitwixxi għajnuna li tfixkel il-kummerċ intrakomunitarju.

(186) Skont ġurisprudenza kostanti, hemm effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri meta l-kumpanija jew il-kumpaniji li jibbenefikaw mill-għajnuna jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'qasam miftuħ għall-kompetizzjoni u li huwa suġġett għall-kummerċ bejn l-Istati Membri ([72]).

(187) Il-fatt li, fil-bidu ta' din il-proċedura, kompetitur minn Stat Membru ieħor li mhuwiex il-Belġju lmenta mid-distorsjoni tal-kompetizzjoni maħluqa mill-intervent ta' SA Ducroire fi Stat Membru ieħor (ir-Repubblika Ċeka) ikompli jikkonferma li SA Ducroire hija attiva f'settur soġġett għall-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(188) Għaldaqstant il-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa affettwat biżżejjed mill-Miżura 3.

V.2. L-ILLEGALITÀ TA' GĦAJNUNA POTENZJALI

(189) Fid-dawl ta' dan li ntqal, il-Miżura 3 tikkostitwixxi għajnuna.

(190) Il-Kummissjoni tqis li din l-għajnuna hija għajnuna ġdida li ma kinitx ġiet innotifikata lilha minn qabel, u allura għajnuna illegali.

(191) L-ONDD issottoskriva l-kapital inkwistjoni f'Settembru 2004 u SA Ducroire irċeviet l-attività relatata mar-riskji għal żmien qasir (inklużi r-riskji kummerċjabbli) fl-1 ta' Jannar 2005.

(192) Għaldaqstant din il-miżura:

— hija wara d-data tas-17 ta' Settembru 1998 li minnha l-Belġju kien meħtieġ, minħabba li aċċetta l-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu, li ma jagħtix għajnuna ġdida u;

— ma tibbenefikax mill-preskrizzjoni prevista mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE peress li dan kien adottata inqas minn 10 snin ilu.

(193) Il-porzjon tal-kapital ta' EUR 36,6 miljun mogħti mill-ONDD lil SA Ducroire, li ma ġiex innotifikat minn qabel lill-Kummissjoni, jikkostitwixxi għalhekk, mill-bidu, għajnuna ġdida illegali.

V.3. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ TA' KWALUNKWE GĦAJNUNA MAS-SUQ INTERN

(194) Il-Kummissjoni tivverifika l-kompatibbiltà tal-Miżura 3 skont id-dispożizzjonijiet tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu, applikabbli f'dan il-perjodu. Il-Komunikazzjoni l-ġdida lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni l-ġdida dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu"), ippubblikata fid-19 ta' Diċembru 2012, tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

(195) Fil-prinċipju, skont il-punti 3.2. u 4.1. tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu, id-derogi previsti mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuniet mill-Istat ma japplikawx għall-għajnuna mogħtija għall-assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli. Fil-fatt, din l-għajnuna żgur toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn l-assiguraturi iżda twassal l-aktar għal *"varjazzjonijiet fil-kopertura tal-assigurazzjoni li qiegħda għad-disposizzjoni għal riskji kummerċjabbli fi Stati Membri differenti, b'hekk ifixklu l-kompetizzjoni bejn kumpaniji fi Stati Membri u jkollhom effetti sekondarji fuq il-kummerċ intraKomunitarju irrispettivament ta' jekk esportazzjonijiet intraKomunitarji barra*

([72]) Is-Sentenza tal-Qorti tat-13 ta' Lulju 1988, *Franza v il-Kummissjoni* (C-102/87, ECR 1988 p. 4067), il-punt 19.

mil-Komunità humiex inkwistjoni. L-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 92 tat-Trattat ma japplikawx lil għajnuna għall-assigurazzjoni ta' riskji kummerċjabbli. L-effetti ta' tfixkil ta' din l-għajnuna fil-Komunità huma ta' importanza akbar minn kwalunkwe interess possibbli nazzjonali jew Komunitarju fl-appoġġ ta' esportazzjonijiet." ([73]). Fi kliem ieħor, fil-prinċipju din l-għajnuna mhijiex eliġibbli għal ebda eżenzjoni prevista fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE, b'mod partikolari dik prevista fl-Artikolu 107(3)(c) — għaliex tikkostitwixxi distorsjoni kbira ħafna tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.

(196) Barra minn hekk, l-għajnuna inkwistjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tkun eliġibbli għal xi eżenzjoni jew diversi eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE. B'mod partikolari, kif kien indikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-għajnuna inkwistjoni ma tistax tikkostitwixxi għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar skont il-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà ([74]), b'mod partikolari minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

1) l-awtoritajiet Belġjani ma wrewx li SA Ducroire kienet eliġibbli għal għajnuna bħal din, jiġifieri, li kienet f'diffikultà fis-sens tal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà. Ta' min jinnota wkoll li skont il-punt 12 ta' dawn il-linji gwida, il-kumpaniji meqjusa bħala li għadhom kemm jinħolqu mhumiex eliġibbli għal għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar.

2) l-għajnuna ma kinitx limitata għall-minimu meħtieġ. B'mod partikolari, l-allokazzjoni ta' kapital lil SA Ducroire kienet għolja biżżejjed biex saħansitra tagħmel xi akkwisti. Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju kif ippreżentat fl-2004, fil-forma ta' noti interni, ma kienx jipprovdi l-kontribut proprju tal-benefiċjarju;

3) il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għal SA Ducroire ma kien jipprovdi l-ebda miżura li tnaqqas id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(197) Id-dispożizzjonijiet tal-Komunikazzjoni l-ġdida dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu probabbilment mhumiex sejrin jaffettwaw il-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

(198) Għaldaqstant, il-miżura inkwistjoni ma tistax tkun iddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-TFUE.

V.4. L-OBBLIGU TA' AMMINISTRAZZJONI U KONTIJIET SEPARATI

(199) Skont il-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu, sakemm l-attività ta' riskji mhux kummerċjabbli tgawdi mill-appoġġ tal-Istat, biex ikun żgurat li l-kapital allokat għall-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli ma jkunx ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli u allura ma jfixkilx il-kompetizzjoni, il-kumpanija għandha, mill-inqas, ikollha amministrazzjoni separata u żżomm kontijiet separati għall-attivitajiet tal-assigurazzjoni tar-riskji kummerċjabbli u dawk tar-riskji mhux kummerċjabbli.

(200) Skont l-awtoritajiet Belġjani, l-attivitajiet għal żmien qasir ilhom jitwettqu mill-1 ta' Jannar 2005 fi ħdan SA Ducroire bħala parti mit-trasferiment ta' attività eżistenti bil-kapital eżistenti tagħha (mingħajr l-allokazzjoni ta' kapital supplimentari). B'mod sussidjarju, il-Belġju jikkunsidra li l-kapital ingħata taħt termini aċċettabbli għal investitur privat. Peress li, skont l-awtoritajiet Belġjani, SA Ducroire ma tgawdix mill-appoġġ tal-Istat — anki għall-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli li twettaq -, mhux meħtieġ li jinżammu kontijiet separati.

(201) Fis-sezzjoni V.1.1.2, kien konkluż li l-kapital allokat għall-attività trasferita kien jammonta għal EUR [45-75] miljun u għalhekk kien hemm kapital addizzjonali ta' EUR [75-100] miljun, li minnhom EUR [35-65] miljun kienu ta' benefiċċju *de facto* għall-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli. Dawn il-EUR [35-65] miljun kienu esklużi mill-kwalifika ta' għajnuna għal din ir-raġuni. L-argument tal-awtoritajiet Belġjani li l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli ma tgawdix minn appoġġ tal-Istat għaldaqstant għandu jkun miċħud peress li ntweriet

([73]) Ara t-tieni u t-tielet sentenzi tat-tielet paragrafu tal-punt 3.2. tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni. Ara wkoll il-punt 4.1. tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu li jgħid "*Għajnuna Statali tat-tipi mniżżlin fil-paragrafu 3.1* […] *ma tkunx eliġibbli għal eżenzjoni taħt ir-regoli tal-għajnuna Statali tat-Trattat*".

([74]) ĠU C 244, 01.10.2004, p. 2 -17.

l-eżistenza ta' kapital addizzjonali li minnu bbenefikat parzjalment l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli. Barra minn hekk, il-projezzjonijiet finanzjarji tal-2004 għall-attività kollha ta' SA Ducroire kienu jipprovdu redditu mistenni aktar baxx mir-rata mingħajr riskju ta' dak iż-żmien ([75]). Ir-redditu mistenni għalhekk ma kienx suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' investitur privat f'ekonomija tas-suq. Għaldaqstant jista' jkun konkluż li l-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli kompliet tgawdi minn appoġġ mill-Istat.

(202) Peress li l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli gawdiet u għadha tgawdi minn appoġġ mill-Istat, SA Ducroire kellha mill-ħolqien tagħha tikkonforma mal-punt 4.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu li timponi amministrazzjoni u kontijiet separati li jagħmlu distinzjoni bejn l-attivitajiet relatati mar-riskji kummerċjabbli u dawk relatati mar-riskji mhux kummerċjabbli u dan sakemm tibqa' twettaq l-attività tagħha marbuta mar-riskji kummerċjabbli. Id-dispożizzjonijiet tal-Komunikazzjoni l-ġdida dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu jżommu dan l-obbligu (ara l-punt 15 tal-Komunikazzjoni l-ġdida dwar l-assigurazzjoni ta' esportazzjoni bi kreditu).

(203) Għalhekk SA Ducroire kienet u baqgħet dejjem marbuta b'dan l-obbligu. Amministrazzjoni separata u kontijiet separati għall-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli u dik tar-riskji kummerċjabbli għandhom għalhekk jiddaħħlu minnufih. Jekk ma jsirx dan, l-appoġġ ta' EUR [35-65] miljun mogħti lill-attività marbuta mar-riskji mhux kummerċjabbli jkollu jiġi kkwalifikat bħala għajnuna. Fil-fatt, il-konklużjoni ta' din id-deċiżjoni li dan l-ammont ta' EUR [35-65] miljun huwa ta' benefiċċju għall-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli hija bbażata fuq ċerti suppożizzjonijiet parzjalment mhux verifikabbli f'kuntest ta' rikostruzzjoni retrospettiva ta' kontijiet separati (fil-fatt, formalment ma teżisti l-ebda separazzjoni tal-kontijiet fi ħdan SA Ducroire). Il-Kummissjoni mhijiex sejra taċċetta aktar rikostruzzjoni retrospettiva bħal din jekk ikollha terġa' tinvestiga l-użu tal-kapital ta' SA Ducroire fil-futur. L-obbligu li jkun hemm amministrazzjoni separata u kontijiet separati għandu eżattament l-għan li jevita l-ħtieġa ta' tali studju retrospettiv li jibbaża neċessarjament fuq ċertu numru ta' suppożizzjonijiet parzjalment mhux verifikabbli.

(204) Din id-deċiżjoni u b'mod partikolari l-kalkolu tal-ammont ta' EUR 36,6 miljun huma bbażati fuq kontijiet (karta tal-bilanċ u rapporti tal-introjtu) separati għar-riskji kummerċjabbli u mhux kummerċjabbli fil-31 ta' Diċembru 2011 kif ippreżentati mill-awtoritajiet Belġjani f'Mejju 2012. Għalhekk mhuwiex aċċettabbli li l-introduzzjoni ta' amministrazzjoni separata u kontijiet separati ssir abbażi ta' suppożizzjonijiet u metodi oħrajn ħlief dawk użati għad-determinazzjoni tal-ammonti ppreżentati taħt din il-proċedura. B'mod partikolari, mhuwiex aċċettabbli li wieħed jalloka lill-attività relatata mar-riskji mhux kummerċjabbli inqas kapital — u allura aktar kapital għall-attività relatata mar-riskji kummerċjabbli — minn dak imsemmi fil-karta tal-bilanċ separata tal-31 ta' Diċembru 2011 ippreżentata mill-awtoritajiet Belġjani f'Mejju 2012.

(205) B'mod sussidjarju, il-Kummissjoni tenfasizza li n-nuqqas ta' kontijiet separati mill-ħolqien ta' SA Ducroire ikkomplika b'mod sinifikanti l-analiżi tal-Miżura 3 u ġiegħel lill-Kummissjoni tagħmel l-analiżi tagħha abbażi ta' ċerti suppożizzjonijiet. Minħabba li SA Ducroire kellha l-obbligu li żżomm kontijiet separati, din ma tistax tikkritika lill-Kummissjoni talli għamlet ċerti suppożizzjonijiet jew żviluppat approċċ ikkumplikat fl-analiżi tagħha. Fil-fatt, mingħajr dan l-approċċ ikkumplikat, il-Kummissjoni setgħet sempliċement tikkunsidra l-EUR [75-100] miljun kollha bħala vantaġġ skont l-Artikolu 107(1), tat-TFUE.

V.5. L-OBBLIGU LI L-ATTIVITÀ MHUX KUMMERĊJABBLI MA TIKKONTRIBWIXXIX GĦALL-IRKUPRU TAL-GĦAJNUNA

(206) F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni eskludiet mill-kwalifika ta' għajnuna l-porzjon tal-kapital li kien ta' benefiċċju *de facto* għall-attività marbuta mar-riskji mhux kummerċjabbli, anki jekk din il-parti tal-kapital kienet appoġġ li ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti ta' investitur privat. L-ammont tal-għajnuna mhux kompatibbli għalhekk ma jinkludix l- appoġġ lill-attivitajiet mhux kummerċjabbli. Huwa għalhekk fil-loġika ta' din id-deċiżjoni li l-irkupru tal-għajnuna mhux kompatibbli jkun strettament iffinanzjat mill-attivitajiet kummerċjabbli u l-kapital tiegħu, l-uniku mezz li permezz tiegħu tista' tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni kompetittiva fuq is-suq tar-riskji kummerċjabbli li kienet teżisti qabel l-għoti tal-għajnuna mhux kompatibbli. Kif indikat qabel, dan l-irkupru għandu jsir fuq il-bażi tal-kontijiet separati b'mod konsistenti mal-kummenti tal-awtoritajiet Belġjani ta' Mejju 2012.

([75]) Anki kieku wieħed kellu jikkunsidra l-attività tar-riskji mhux kummerċjabbli waħedha, ir-redditu jibqa' ferm taħt l-ispiża tal-kapital stmat mill-awtoritajiet Belġjani nfushom.

VI. **KONKLUŻJONIJIET**

(207) Il-Kummissjoni ssib li, fost it-tliet miżuri li dwarhom saret il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Miżuri 1 u 2 (il-garanzija tal-Istat u t-trasferimenti interni possibbli ta' riżorsi favur ir-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD) mhumiex għjanuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Iżda, l-analiżi tal-Miżura 3 twassal għall-konklużjoni li teżisti għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, li tammonta għal EUR 36,6 miljun. Peress li l-ONDD (f'isem l-Istat Belġjan) illegalment implimenta l-Miżura 3 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, u li din l-għajnuna mhijiex kompatibbli mas-suq intern, din trid tiġi rkuprata. L-irkupru ta' din l-għajnuna tkun iffinanzjat mill-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli ta' SA Ducroire.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-garanzija mogħtija mill-Belġju lill-ONDD li ma kinitx ta' benefiċċju għall-attività marbuta mar-riskji kummerċjabblu tal-ONDD, mhijiex għajnuna.

Artikolu 2

It-trasferimenti interni possibbli ta' riżorsi favur l-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli fi ħdan l-ONDD, li l-eżistenza tagħhom ma ġietx ippruvata, mhumiex għajnuna.

Artikolu 3

L-allokazzjoni inizjali f'kapital mogħtija mill-ONDD lil SA Ducroire u li tammonta għal EUR 113,4 miljun, ma tikkostitwixxix għajnuna.

Artikolu 4

L-allokazzjoni inizjali f'kapital mogħtija mill-ONDD lil SA Ducroire u li tammonta għal EUR 36,6 miljun, implimentata fit-23 ta' Settembru 2004 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija għajnuna illegali u mhux kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-imsemmi Trattat.

Artikolu 5

1. Il-Belġju, permezz tal-ONDD, huwa meħtieġ li jirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 4 mingħand SA Ducroire. Il-Belġju huwa meħtieġ li jippreżenta dejta dettaljata — li tinkludi ċertifikat maħruġ minn kumpanija tal-verifika indipendenti li tivverifika dawn il-kontijiet — li turi li l-irkupru kien iffinanzjat esklussivament mill-attività marbuta mar-riskji kummerċjabbli ta' SA Ducroire.

2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati jkollhom imgħaxijiet mid-data li fiha saru disponibbli għal SA Ducroire (l-1 ta' Jannar 2005), sal-irkupru effettiv tagħhom.

3. L-imgħaxijiet ikunu kkalkulati fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 tal-Kummissjoni ([76]).

4. L-irkupru tal-għajnuna jkun immedjat u effettiv.

Artikolu 6

Amministrazzjoni separata u kontijiet separati għall-attività marbuta mar-riskji mhux kummerċjabbli u dik marbuta mar-riskji kummerċjabbli jiddaħħlu minnufih u jinżammu sakemm l-attività marbuta mar-riskji mhux kummerċjabbli tibqa' tgawdi mill-appoġġ tal-Istat. Is-separazzjoni tal-kontijiet tikkunsidra dejta finanzjarja pprovduta mill-awtoritajiet Belġjani f'Mejju 2012. B'mod partikolari, it-tqassim tal-kapital li jirriżulta minn dan għandu jsir bl-istess mod bħalma sar f'Mejju 2012.

([76]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1

Artikolu 7

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-deċiżjoni, il-Belġju jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont totali f'kapital u imgħax tal-għajnuna li għandu jirkupra mingħand SA Ducroire;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk previsti sabiex jikkonforma ma' din id-deċiżjoni;

(c) id-dokumenti li juru li SA Ducroire ġiet ordnata tħallas lura l-għajnuna.

2. Il-Belġju jżomm lill-Kummissjoni informata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-deċiżjoni sal-irkupru sħiħ tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 4. Huwa jibgħat minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, kull informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u dawk previsti sabiex jikkonforma ma' din id-deċiżjoni. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-imgħaxijiet diġà rkuprati mingħand SA Ducroire.

Artikolu 8

Il-Belġju jieħu l-miżuri meħtieġa biex jimplimenta din id-deċiżjoni fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 9

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President

ANNESS

INFORMAZZJONI FUQ L-AMMONTI RIĊEVUTI, LI GĦANDHOM JIĠU RKUPRATI U LI ĠEW IRKUPRATI

L-identità tal-benefiċjarju	Ammont totali tal-għajnuna riċevuta taħt l-iskema [1]	Ammont totali tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata [1] (Kapital)	Ammont totali diġà rkuprat [1]	
			Kapital	Imgħaxijiet

[1] F'miljuni tal-munita nazzjonali.